# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 6 t'Awissu 2021**

Appell numru 268 tal-2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Rabia YAVUZ u**
**Muzekka DENERI**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-28 ta' Lulju, 2021 fil-konfront ta' **Rabia YAVUZ**, bint Mustafa Muzaffer u Ayce nee Karacabey, mitwielda nhar l-14 t'Awissu 1993 u **Muzekka DENERI**, bint Mustafa ILYAS u Fatim Hulya, mitwielda nhar is-26 ta' Mejju 1992 u li ġew mixlija talli nhar is-27 ta' Lulju 2021 u fil-jiem, ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer :
    a. Iffalsifikaw, bidlu, għamlu xi tibdil f'passaporti jew użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi passaporti, li huma kienu jafu li ġew falsifikati, imbidla jew li sar xi tibdil fihom (Kap 61, art 5);
    b. Xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, art 189);
    c. Mingħajr awtorita leġittima użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokument, meħtieġ għall-finijiet tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta u li kien kien iffalsifikat (Kap 217, art 32(1)(f));

d. Saret ukoll talba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż peritali.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li
   (a) semgħet liż-żewġt imputati jammettu inkondizzjonatament għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom;
   (b) avżathom bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħhom filwaqt li tagħthom ukoll żmien biex jerġgħu jaħsbuha u jerġgħu lura minnha; u
   (c) semgħet it-trattazzjoni mill-partijiet,

   sabet lill-imputati **YAVUZ** u **DENERI** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom.

3. Inoltre wara li dik il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tal-fatt li :
   (a) Huma kien rreġistraw ammissjoni bikrija;
   (b) Ikkoperaw mal-Pulizija; u
   (c) ċ-ċirkostanzi tal-każ, fosthom in-natura serja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontihom,

   wara li rat :

   (a) l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta;
   (b) l-artikoli 17 u 189 tal-Kodiċi Kriminali; u
   (c) l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta

   ikkundannathom għall-piena ta' sitt xhur priġunerija kull waħda minnhom filwaqt li ordnat il-konfiska tad-dokumenti f'KR12, u astjeniet mit-talba sabiex tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż peritali in kwantu f'dan il-każ ma kienux ġew maħtura esperti.

4. Illi minn din is-sentenza **YAVUZ** u **DENERI** interponew appell li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti biex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet il-ħtija fl-appellanti nonche fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-ħlas tal-ispejjeż peritali, tibdel dik l-istess sentenza f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanti għall-piena ta' sitt xhur priġunerija billi minflok tagħti senteza aktar ekwa u ġusta. Dan wara li ppremettew illi:

a. Huma kienu żewġ għalliema Torok u ommijiet ta' żewġt itfal minorenni li flimkien magħhom kienu imbarkaw fut titjira li kellha twassalhom il-Belġju. Jgħidu li huma kienu ħarbu mit-Turkija lejn il-Greċja fl-2016 meta kienu involuti fil-moviment GULEN li wassal għal attentat ta' kolp ta' stat kontra Recep Tajjep Erdogan u dan sabiex jevitaw il-konsegwenzi atroċi u koroħ in segwitu għall-falliment ta' dan il-kolp ta' stat. Huma sostnew illi peress li kien hemm il-possibilita li d-dokumenti tagħhom ma kienux se jiġu rinnovati ddeċidew li jimbarkaw fuq it-titjira lejn Brussell, liema vjaġġ kien jinkorpora fih waqfa ta' sagħtejn f'Malta nhar it-Tnejn, 26 ta' Lulju 2021. Huma jgħidu wkoll li kienu użaw dokumenti foloz biex jivvjaġġjaw u b'hekk ġew arrestati fl-ajruport ta' Malta u eventwalment fil-Qorti tal-Maġistrati fejn, wara li ammettew ħtijiethom, huma ġew ikkundannati sitt xhur priġunerija effettivi.
b. Huma ħassewhom aggravati minn din il-piena in kwantu qisuha li kienet sproporzjonata u eċċessiva filwaqt li setgħu ġew suġġetti għal piena ħafna aktar ekwa u ġusta fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tagħhom. Huma jilmentaw kemm mill-kwalita tal-piena kif ukoll fil-kwantita tal-piena inflitta in kwantu jgħidu li ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv skont il-ġurisprudenza lokali. Huma jtennu li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tkun ferm aktar klementi magħhom in kwantu huma kienu ħarbu minn art twelidhom minħabba r-riperkussjonijiet li kien hemm kontra dawk li kienu ħadu sehem fil-moviment GULEN u dawn kellhom jaħarbu minħabba l-opinjoni politika tagħhom. Essenzjalment dan kellhom jagħmluh waqt li kienu qed jieħdu ħsieb it-tfal minorenni tagħhom.
c. L-appellanti jtennu li huma ma humiex persuni kriminali u aktar minn hekk kellhom bżonn l-għinuna tal-Istat. Il-piena ta' sitt xhur priġunerija ma kienet ta' ebda ġid u kienet tmur lil hinn minn kull aspett riformattiv.
d. Jgħidu li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tieħu kont tal-fatt li l-appellanti kienu żewġt ommijiet ta' żewġt itfal minuri li ma kellhom ebda persuna oħra li fiċ-ċirkostanzi setgħet tassisti lil minuri. Dan wassal ukoll sabiex seħħet is-separazzjoni tat-tfal minuri minn ommijiethom bil-konsegwenti trawma li tali firda ġġib magħha. Peress li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tagħti importanza lil dan l-aspett jew ċirkostanza partikolari din il-Qorti kellha s-setgħa li tiddisturba dik is-sentenza. Apparti minn hekk f'dan il-każ l-appellanti ma

kienux persuni ta' karattru refrattarju u b'hekk kien aktar faċli għal dik il-Qorti li timpani piena alternattiva għal dik ta' priġunerija effettiva.

e. Inoltre kien hemm episodji oħra fejn il-Qorti tal-Maġistrati imponiet pieni ferm anqas gravi f'kawżi fejn ma kien hemm ebda ammissjoni bikrija u fejn l-akkużi kienu jissuperaw bil-bosta s-serjta tal-akkużi ta' użu ta' document iffalsifikat.

f. Apparti hekk, huma jsostnu li l-artikolu 31(1) tal-Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951 li għandha x'taqsam mal-istatus tar-Refuġjati, u li tagħha Malta hija firmatarja, kienet tipprovdi li l-pajjiżi kontraenti ma kellhomx jimponu pieni minħabba d-dħul jew il-preżenza illegali fit-territorju tagħhom minn refuġjati li "coming directly from a territory where their life or freedom was threatened in the sense of article 1, enter or are present in their territory without authorization, provided they present themselves without delay to the authorities and show good cause for their illegal entry or presence".

g. L-appellanti jgħidu wkoll li huma kienu ottjenew informazzjoni u parir b'rabta ma talba għall-ażil u ssottomettew ukoll talba għall-ażil. Huma jisħqu li dan l-artikolu tal-Konvenzjoni imsemmija huwa bbażat fuq il-fehma li r-refuġjati spiss ma jkunux jistgħu legalment iħallu pajjiżhom, jivjaġġjaw u jidħlu f'pajjiż sikur. Dan minħabba n-natura tat-tluq tagħhom, li jista' jinkludi: persekuzzjoni mill-Istat tagħhom stress, nuqqas tal-Istat tagħhom li jipproteġihom mill-persekuzzjoni minn entita mhux statali, gwerra ċivili, eċċetra.

h. L-appellanti jagħtu wkoll it-tifsira tagħhom għal dan l-artikolu. Jgħidu li r-rekwiżit tal-ħin rifless fl-espressjoni "without delay" juri li għandu jsir apprezzament taċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Dan kien jinkludi id-disponibbilta' ta' informazzjoni xierqa u anka l-possibilita ta' parir legal sabiex dak li jkun japplika għall-ażil. Dawk l-individwi li jesprimu immedjatament il-biża li jiġu ritornati lejn il-pajjiżi tal-oriġini tagħhom jissodisfaw dawn il-kriterja billi l-espressjoni ta' tali biża hija kunsiderata li tqajjem l-obbligu tal-Istat Malti li ma jirritornaħhomx lura u li jivvaluta t-talbiet tagħhom. L-individwi li ma jesprimux minnufih tali biżat jew intenzjoni li jitolbu l-ażil, jista' jkun riżultat tal-fatt li tali persuni jkunu jeħtieħu informazzjoni xierqa u fejn rilevanti pariri dwar il-possibilita li jfitxu protezzjoni f'Malta. F'dan il-każ, wieħed kellu japprezza l-fatt li fiċ-ċirkostanzi, l-appellanti ġew arrestati minnufih malli waslu Malta u b'hekk ma kellhomx l-opportunita li japplikaw għall-ażil.

i. Minbarra dan l-espressjoni “coming directly from a territory” ma kienetx teħtieġ interpretazzjoni litterali, iżda kienet maħsuba biex teskludi dawk fejn setgħet tfittex protezzjoni reali u effettiva f’pajjiż terz u b’hekk kienet teħtieġ apprezzament individwali taċ-ċirkostanzi rilevanti. Jenfasizzaw li dan il-kliema ma jeskludix lil dawk l-individwi li setgħu għaddew minn pajjiż terz fi triqithom lejn Malta.
j. Apparti minn dan jisħqu wkoll li għalkemm dan l-artikoli jidher li japplika għal refuġjati, il-Liġi internazzjonali u l-ġurisprudenza jinkludu f’dan it-terminu kull persuna li tgħid li hija refuġjata u għaldaqstant, naturalment, tinkludi lil dawk l-individwi li jridu jfitxu l-ażil.

5. Rat id-dokumenti eżebiti filwaqt li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

**<u>Kunsidrazzjonijiet rigward in-natura u l-effett tal-piena kriminali</u>**

6. Illi dan huwa appell iffukat fuq il-**qualitas** u l-**quantum** tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellanti, u b’hekk dil-Qorti sejra tagħmel dawn is-segwenti riflessjonijiet :

7. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

   (a) Retributtiv;
   (b) Preventiv; u
   (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

8. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita’ soċjali.

9. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

10. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

11. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

12. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat,

imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

13. F'appelli mill-piena wara sentenza mogħtija in segwitu għall-ammissjoni inkondizzjonata tal-ħati, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti :

> Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

14. F'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena għalhekk, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment timponi dik il-kwalita u kwantita ta' piena erogata fis-sentenza tagħha. Dan tagħmlu, inter alia, billi tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju (wrong in principle) jew kienetx manifestament eċċessiva (excessive or manifestly excessive).

15. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other

dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

16. Din il-Qorti tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet barra mill-parametri imsemmija fil-Liġi jew kienetx piena li fil-prinċipju kienet żbaljata għall-każ in eżami. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meħud mill-Qorti tal-Ewwel Istanza meta tkun emanat ta' dik il-piena.

17. Barra li tanalizza jekk piena tkunx fil-parametri legalit jew żbaljata fil-prinċipju, il-Qorti trid tistħarreġ ukoll jekk, fil-każ konkret, kienetx piena li tista' titqies eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Dan tagħmlu billi l-Qorti tieħu kont ukoll ta' diversi fatturi oġġettivi u soġġettivi għall-każ in kwistjoni, inkluż l-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet tagħti li kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena oriġinali.

18. Dan l-istħarriġ għalhekk huwa forma ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza mill-Qorti tal-Appell Kriminali billi tistħarreġ jekk il-piena erogata mill-Qorti tal-Ewwel Istanza kienetx eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Dan ma jfissirx li għax sentenza erogata mill-Qorti tal-Maġistrati tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa, allura bilfors din tkun tista' titqies li hija eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Anzi appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni kieku kienet hi li tkun qed teroga l-piena oriġinali.

19. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

20. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis :

(a) iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara; kif ukoll,
(b) skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

**Ikkunsidrat**

21. L-ewwel imputazzjoni titnissel mill-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> Kull min jiffalsifika, ibiddel, jew jagħmel xi tibdil f'passaport jew juża jew ikollu għandu passaport li huwa jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih, jeħel, meta jinsab ħati, **<u>il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn</u>**.

22. It-tieni imputazzjoni hija dik li hija bażata fuq l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid:

> Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, **<u>jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur</u>**, u jekk ikun uffiċjal jewimpjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-pienatkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.

23. Imbagħad it-tielet imputazzjoni tirrifletti l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid:

> (1) Kull persuna li -
>
> mingħajr awtorità leġittima tuża jew ikollha fil-pussess tagħha xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta'dan l-Att li jkun falsifikat;
>
> tkun ħatja ta' reat u **<u>teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien</u>**, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra:
>
> Iżda l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jista' jiddeċiedili ma jitteħdux proċeduri fuq kwalunkwe persuna li tgħin jewtassisti kwalunkwe persuna oħra fi kwalunkwe sitwazzjoni immedjata ta' periklu, sabiex tinżel l-art jew tipprova tinżel l-art jew waqt it-tranżitu minn Malta, meta dawn l-atti jkunu ġew kommessi bil-għan li jipprovdu assistenza umanitarja.

24. Jirriżulta mis-sentenza appellata li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikat ukoll l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, iġifieri l-konkors ta' reati u ta' pieni. F'dan il-każ għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati ma speċifikatx liema fost il-paragrafi tal-istess artikolu kienet qegħda tapplika, din il-Qorti tifhem li kienet qegħda tirreferi għall-paragrafu (h):

meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi.

25. L-appellanti irreġistraw ammissjoni inkondizzjonata għal dawn it-tliet imputazzjonijiet. Kif jidher biċ-ċar mis-siltiet tal-artikoli imsemmija aktar il-fuq il-piena ta' sitt xhur priġunerija kienet fil-minimum li l-Qorti setgħet tagħti. Il-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienetx tmur barra mill-parametri legali iżda kienet piena fil-parametri tal-Liġi u kienet l-anqas piena li dik il-Qorti setgħet teroga għar-reati li tagħhom l-appellanti ammettew.

26. Il-piena ta' priġunerija għar-reati li l-appellanti ammettew u ġew misjuba ħatja tagħhom ma kienetx żbaljata fil-prinċipju kemm minħabba li dawn huma meqjusa bħala reati ta' natura serja, li jistgħu, f'ċerti ċirkostanzi, anke jimminaw is-sigurta tal-Istat, kif ukoll minħabba li n-numru ta' persuni li jinqabdu jikkommettu reati ta' din in-natura sploda l-fuq f'dawn l-aħħar snin.

27. F'dawn l-aħħar sentejn, in-numru tar-reati li jinvolvu l-użu ta' passaporti jew dokumenti tal-identita foloz biex persuni jidħlu jew joħorġu minn Malta żdiedu b'mod qawwi ħafna.[1] Evidentement Malta qegħda tiġi wkoll użata bħala post ta' tranżitu għal persuni li jkunu ġejjin prinċipalment minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea (extra-komunitarji) sabiex, bis-sewwa jew bid-dnewwa, jidħlu f'xi pajjiż tal-Unjoni Ewropea.

28. Li kieku dan id-dħul u ħruġ ikun imwettaq b'mod legali, minn persuni intitolati, bl-użu tal-identita proprja u ta' dokumenti uffiċjali ġenwini, ma kien ikun fih xejn ħażin. Anzi. Iżda l-problema prinċipali f'dawn il-każijiet li ġew deċiżi minn dawn il-Qrati imsemmija aktar il-fuq - u li f'temp ta' ftit snin ġew ilaħħqu l-mijiet - juru li mhux kulħadd lest li jidħol jew joħroġ minn dan il-pajjiż lejn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea b'mod Legali. Din il-Qorti mhix sejra tidħol fuq ir-raġunijiet għaliex dawn il-persuni jirrikorru għal dan il-modus operandi illegali biex jidħlu jew joħorġu minn Malta in kwantu dawn ir-raġunijiet jistgħu ikunu bosta. U mhux dejjem ikunu raġunijiet umanitarji jew nobbli.

29. L-esperjenza turi li l-maġġor parti ta' dawn il-każijiet ikunu jinvolvu mhux biss il-persuni li jiddeċiedu li jivjaġġjaw b'dokumenti tal-identita jew passaporti foloz, iżda jinvolvu wkoll xibka ta' persuni

[1] https://www.maltatoday.com.mt/news/national/107097/prison_costs_soar_with_443_jailed_over_false_passports_in_two_years#.YQqijY4zbIU

li jifformaw parti minn organizzazzjonijiet kriminali mifruxa mad-dinja kollha, attrezzati sa snienhom u organizzati tajjeb, li japprofittaw minn min ikun irid jivjaġġja minn pajjiż għall-ieħor bl-użu ta' dawn id-dokumenti tal-identita jew passaporti foloz. Dawn l-organizzazzjonijiet kriminali jipprovdu servizz, ġieli komplut, għal min ikun irid jivjaġġja b'mod illegali biex jidħol fl-Unjoni Ewropea kemm minn barra l-Unjoni kif ukoll minn pajjiż għall-ieħor tal-Unjoni Ewropea meta dawn il-persuni li jridu jivjaġġjaw mhux neċessarjament ikollhom id-dritt li jidħlu f'dan it-territorju.

30. Dawn il-każijiet bilfors iridu jitqiesu minn dawn il-Qrati fuq il-meriti individwali tagħhom. Ikun hemm każijiet fejn id-dħul fit-territorju ta' pajjiż – anke b'modus operandi li normalment jitqies illegali jista' jkun ġustifikat – bħal f'dawk il-każijiet **ġenwini** ta' persuni skont kif imsemmija fil-Konvenzjoni ta' Ginevra tat-28 ta' Lulju 1951 il-**United Nations Convention Relating to the Status of Refugees** u li Malta hija firmatarja għaliha. Iżda bosta drabi jirriżultaw każijiet ta' persuni li ma jkunux daqshekk ġenwini u li jirrikorru għal dan il-modus operandi xorta waħda. Verament ma tistax tqiegħed lil kulħadd fl-istess keffa, u l-Qorti trid tistħarreġ kull każ partikolari.

31. Hi x'inhi l-vera raġuni wara l-fatt li bosta persuni jagħżlu li jużaw lil Malta bħala post ta' tranżitu biex jidħlu fl-Unjoni Ewropea b'dokumenti tal-identita foloz jew passaporti foloz, jew passaporti jew dokumenti tal-identita ġenwini iżda kontenti xi informazzjoni falza, jibqa' l-fatt li din il-modalita ta' vjaġġjar b'dawn it-tip ta' dokumenti hija attivita illegali kumplessa. U la fil-kliem u l-anqas fl-ispirtu tagħha l-**United Nations Convention Relating to the Status of Refugees** ma hija intiża li tagħti l-barka lil dawn it-tip t'abbużi.

32. Ebda Stat ma jista' jibqa' ċass quddiem din ir-realta' jew b'mod inġenwu jaħseb li kull min jirrikorri għal dawn il-metodi ta' vjaġġjar huwa vitma taċ-ċirkostanzi. Għal min irid jiftaħ għajnejh u jaffronta r-realta tal-fatti, mingħajr ma jkun mogħmi minn battalji ideoloġiċi, l-istorja Ewropea moderna tipprova dan kollu. U għalhekk jerġa jiġi mtenni – kull każ irid jiġi analizzat skont il-meriti tiegħu.

33. Il-każistika tipprova wkoll li minbarra li ż-żieda enormi fin-numru ta' dawn il-każijiet, daqstant ieħor kiber il-livell ta' sofistikazzjoni fil-kwalita tal-modus operandi ta' dawn in-nies li

jagħżlu li jivjaġġjaw b'mod illegali jew jużaw dokumenti t'identita jew passaporti foloz biex jivjaġġaw kif ukoll tal-persuni jew organizzazzjonijiet kriminali li jgħinuhom iwetqu dawn il-vjaġġi. Anke l-fatt waħdu li Malta qegħda tiġi użata – ossija abbużata - bħala post ta' tranżitu għalbiex persuni jidħlu jew jivjaġġjaw, b'dokumenti u/jew identita foloz, lejn pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja, hija parti minn din l-istrataġemma sofistikata intiża li, fost affarijiet oħra, kemm jista' jkun, tiddevja l-attenzjoni tal-awtoritajiet tal-Immigrazzjoni tal-pajjiżi destinatarji mhux biss dwar l-identita vera tal-persuni li jkunu qegħdin jaslu f'dik l-art, iżda wkoll dwar il-provenjenza oriġinali tagħhom. U bosta minn dawn in-nies jagħrfu sew kif jisfruttaw u jabbużaw mis-sistema nonche minn dawk il-Liġijiet li huma intiżi li jagħtu protezzjoni u kenn lil min ikun ġenwin.

34. Dawn huma raġunijiet serji li suppost iqajmu tħassib daqstant ieħor serju f'moħħ nies ta' rieda tajba. Iżda f'dawn l-aħħar snin donnu li s-soċjeta ġiet maqbuda f'battalji ideoloġiċi, b'posizzjonijiet kontrastanti u kontrapposti, diffiċilment rikonċiljabbli, li mhux qed iħalluha tirraġuna b'mod oġġettiv dwar l-implikazzjonijiet kollha ta' dawn il-prattiċi illegali imsemmija aktar il-fuq, li fl-aħħar mill-aħħar huwa ħolqa fil-katina ta' prattiċi ta' traffikar ta' persuni b'dokumenti jew b'identita foloz, minn pajjiż għall-ieħor; anżi ċerti posizzjonijiet jaslu li jibbanalizzaw jew jitrivjalizzaw ir-raġunijiet serji u l-importanza wara r-raġuni għaliex jeżistu dawn ir-reati li ammettew għalihom l-appellanti.

35. L-interess ġuridiku aħħari tutelat b'dawn il-Liġijiet li joħolqu dawn ir-reati in disamina, huwa s-salvagwardja tad-drittijiet, tal-benessere u tas-sigurta tal-persuni kollha – irrispettivament mir-razza, kulur, ġeneru reliġjon eċċetra - li jkunu jgħixu fit-territorju tal-pajjiż ta' tranżitu jew destinatarju fit-territorju tal-Unjoni Ewropea. Wieħed mill-għanijiet aħħarija wara dawn il-Liġijiet li joħolqu dawn it-tip ta' reati in disamina huwa li jiġi salvagwardjat il-prinċipju tal-verita, tal-ġenwinita u tal-awtentiċita tal-identita u nazzjonalita tal-persuni li jkunu jridu jivjaġġaw minn pajjiż għall-ieħor. Dawn il-liġijiet iridu jrażnu lil min mhux lest, għal raġuni jew oħra, li jirrispetta dawn il-prinċipji tal-verita, ġenwinita u awtentiċita. Għalhekk ikun irid isir stħarriġ għaliex persuna (jekk tkun ġenwina u onesta) tkun trid tivjaġġja minn pajjiż għall-ieħor mingħajr ma tiżvela l-vera identita u nazzjonalita' tagħha – u anzi tuża identita falza u dokumenti foloz; għaliex, (jekk persuna tkun ġenwina u onesta) għandha tasal li tirrikorri għal ħabi tal-identita u nazzjonalita tagħha b'dak il-mod; jekk hux skont, u rispettuż, tal-prinċipju tas-sewwa u tad-Dritt li

persuna tivjaġġja jew tittenta li tivjaġġja minn pajjiż għall-ieħor bl-użu ta' dokumenti mhux tagħha jew b'dokumenti foloz; għaliex persuna m'għandhiex tagħmel użu minn dokumenti ġenwini biex tivjaġġja, jew tistenna li jkollha dokumenti ġenwini biex tkun tista' tivjaġġja eċċetra.

36. Parti mill-corpus delicti f'dawn il-każijiet huma l-passaporti jew dokumenti tal-identita li jkunu falsifikati jew li jkollhom informazzjoni falza fihom. Ġeneralment passaport jew dokument tal-identita huma dokumenti li bihom persuna tista' tivjaġġa minn pajjiż għal ieħor, inkluż fl-Unjoni Ewropea. Huma dokumenti maħruġa minn Stat Sovran li huma intiżi bħala mezz ta' prova tal-identita tal-persuna li lilha jkunu ġew maħruġa; u fil-każ ta' passaport jista' wkoll iservi ta' prova tan-nazzjonalita' tal-persuna lilha jkun ġie maħruġ dak il-passaport. Huma dokumenti għalhekk li jinħarġu taħt l-Awtorita ta' Stat u li jatribwixxi fiduċja pubblika lil dawk id-dokumenti fir-relazzjonijiet bejn Stati Sovrani; u biex bis-saħħa ta' dawk id-dokumenti l-Istat li jirċievi lil persuna li lilha jkun inħarġu dawk id-dokumenti jkun jista' jaċċetta fit-territorju tiegħu lil dik il-persuna li lilha jkun inħareġ dak id-dokument, bil-garanzija tal-Istat li jkun ħarġu.

37. L-oġġett ġuridiku tutelat għalhekk huwa mhux biss is-salvagwardja tal-garanziji tal-veraċita, l-integrita, l-awtentiċita u l-ġenwinita tad-dokumenti msemmija, iżda wkoll tal-fiduċja pubblika imqegħda minn Stat Sovran fil-garanzija li jkun qed jipprovdi fir-rigward tal-veraċita, l-integrita, l-awtentiċita u l-ġenwinita tal-identita tal-persuna li tkun qed iġġorr dawk id-dokumenti. Għalhekk ukoll huwa meħtieġ li jsir użu xieraq ta' dawn id-dokumenti; u huwa wkoll għalhekk li l-Liġi tipprojbixxi li persuna tuża passaport jew dokument tal-identita maħruġ f'isem persuna oħra jew li tuża passaport jew dokument tal-identita foloz. Dan għar-raġuni li jekk persuna tuża passaport jew dokument t'identita maħruġ f'isem persuna oħra jew tuża dokument jew passaport falz, jiġu stultifikati kompletament il-garanziji li kull passaport jew dokument t'identita ieħor iġorr miegħu kif hawn fuq imsemmija.

38. L-istorja riċenti Ewropea tgħallem li daqskemm kien hemm nies ġenwini li daħlu fit-territorju Ewropew, daqstant ieħor kien hemm oħrajn - li għamlu straġi f'diversi pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u li daħlu fit-territorju Ewropew bl-użu ta' dokumentazzjoni falza jew mingħajr dokumentazzjoni. U din ukoll hija waħda mir-raġunijiet

għaliex ċerti Stati individwali u l-istess Unjoni Ewropea bdiet tieħu ċerti miżuri aktar restrittivi f'dan il-versant.[2]

39. Dawn ir-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq juru wkoll għaliex meta l-Qorti tal-Maġistrati teroga l-piena ta' priġunerija f'dawn il-każijiet, hija ma tkunx żbaljata fil-prinċipju. Anzi, din il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza, deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano fl-ismijiet **The Police vs. David Abekunle and John Austen** deċiża nhar id-9 ta' Ġunju 2009, fejn dawn l-appellanti kienu mixlija bir-reat taħt l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta nonche, bħal f'dan il-każ, l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali. Dik il-Qorti kienet konfrontata b'xi argumenti li ġew sollevati wkoll f'dan l-appell. Sejra ssir riferenza b'siltiet riprodotti integralment għal skans ta' kull ekwivoku:

> **2.** Both Abekunle and Austen pleaded guilty to these charges and were sentenced to one year imprisonment each. They gave notice of appeal, and the application of appeal was filed on the 9th January 2009. Their grievance is in the sense that they consider that the punishment inflicted upon them was excessive. Their learned counsel, Dr Giannella Caruana Curran, who was appointed by this Court on the 29th May 2009 to assist them, made reference to relatively similar cases where the punishment of imprisonment was suspended in terms of Article 28A of the Criminal Code[3].
> **3.** From the evidence, including appellants' statements made to the Police, it transpires that appellant Abukenle has been in Malta since 2006, when he arrived here as an irregular immigrant by boat from Libya. After spending some time in detention according to immigration procedures he was transferred to the Hal Far Open Centre. His claim for asylum has been rejected by the Commissioner for Refugees. Appellant Austen, on the other hand, appears to have entered Malta surreptitiously some time around the 15th of September 2008 together with four other persons – at least this is what he told the police. The Immigration Police have no record of this arrival. Both Abukenle and Austen were apprehended at the airport on the 28th December 2008 (that is a day prior to their arraignment in court) when they attempted to leave Malta bound for Milan using forged Spanish identity cards (exhibited at fol. 6 and 7 of the record of the proceedings). Both claim that they "found" these documents in the street in Paceville. They were on their way to Italy using tickets purchased in the names shown on the forged documents, that is Blessing Enadeghe and Roland Erabou, both ostensibly residing in Madrid. The maximum punishment for the offence contemplated

[2] https://www.consilium.europa.eu/en/policies/fight-against-terrorism/. Ara wkoll : https://www.europol.europa.eu/newsroom/news/experts-meet-to-tackle-document-fraud-key-factor-in-serious-and-organised-crime-and-terrorism; kif ukoll : https://www.europol.europa.eu/activities-services/main-reports/european-union-terrorism-situation-and-trend-report-2021-tesat ; ara wkoll : https://www.unodc.org/documents/terrorism/Publications/Digest_of_Terrorist_Cases/English.pdf ; https://www.france24.com/en/france/20201105-macron-urges-europe-to-strengthen-border-controls-after-terror-attacks; https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/E-9-2020-006223_EN.html; https://www.thetimes.co.uk/article/nice-terror-attack-migrant-tried-to-behead-victims-k255cxd5m;

in Article 32(1)(c) of Cap. 217 is two years imprisonment, whereas the maximum punishment for the offence contemplated in Article 189 of the Criminal Code is of imprisonment for one year.

**4.** This Court must make it absolutely clear at the outset that it considers border security to be a very important and a very serious matter, and that any attempt to bypass, breach or otherwise circumvent such security by means which are illegal must consequently be regarded as a very serious offence. It is true that, as learned counsel for the appellants has ably shown, the Inferior Courts have, on a number of occasions, dealt with relatively similar cases with a suspended prison sentence. This Court, however, is of the view that such sentences cannot possibly serve as an effective deterrent against attempts to gain access to Malta and/or to the European Union illegally. This Court is of the view that, as a general rule, such cases should be met with a prison sentence with immediate effect, and that, always as a general rule, anything short of an immediate prison sentence amounts to taking a very myopic view of the whole issue of border security. The Inferior Courts should resist the temptation to deal lightly with such cases simply because the accused pleads guilty upon arraignment – as seems to have been the case in at least two of the three cases referred to by learned counsel for the appellants.

**5.** In the instant case, appellants were in Malta without proper documents and they attempted to compound their "irregular" position by using forged Spanish identity cards to obtain entry into Italy. In the circumstances the court of first instance was perfectly justified in imposing a prison sentence of one year with immediate effect.

**6.** For these reasons, this Court dismisses the appeal and confirms the judgment of the first court.

---

3 **Il-Pulizija v. Ahmed Mohamed Shih Ahmed**, 22/12/2008 – six months imprisonment suspended for three years; **The Police v. Imuru Bawa Ridwan and others**, 25/03/2009 – two years imprisonment suspended for four years; and **The Police v. Keshavarz Majid and others**, 30/03/2009 – six months imprisonment suspended for two years – all judgments of the Court of Magistrates (Malta).

40. Fis-sentenza **Abekunle et** din il-Qorti għalhekk – sa mill-2009 fejn dan il-fenomenu kien għadu relattivament fil-bidu tiegħu – saħqet li **<u>bħala regola ġenerali</u>** (ripetuta darbtejn, kif jidher fis-silta ċitata), dawn il-każijiet għandhom jiġu puniti b'sentenza ta priġunerija effettiva in kwantu kull piena oħra li ma tkunx priġunerija effettiva, titqies bħala li ma tkunx qegħda tqis is-serjeta wara l-kwistjoni tas-sikurezza tal-fruntiera. Biss kif jidher mill-istess sentenza ma naqsux ukoll il-każijiet ta' persuni li kkommettew reati tal-istess natura kommessa mill-appellanti f'dan il-każ, li kienu ġew sanzjonati permezz ta' sentenzi ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha.

41. Fis-sentenza mogħtija minn dik l-istess Qorti, komposta mill-istess Imħallef fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Mohammed Haga** deċiż fl-20 ta' Mejju 2010, il-Qorti kienet aktar enfatika meta stqarret is-segwenti :

> **5.** Kwantu ghall-piena – u hawn tajjeb li jigi osservat li l-ewwel qorti, fis-sentenza appellata, hadet in konsiderazzjoni l-Artikolu 17 imsemmi ghal dak li jirrigwarda konkors materjali bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni – filwaqt li l-piena skond l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 hija ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur, il-piena ghar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni (Artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kap. 217) hija ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sentejn (jew multa, jew prigunerija u multa flimkien). Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tosserva diversi drabi, id-dhul f'Malta minghajr dokumenti jew b'dokumenti foloz hija haga serjissima, u li tincidi fuq is-sigurta` ta' l-iStat. Li wiehed anke jghaddilu mill-antiporta ta' mohhu li dan jista' jkun kaz ta' sentenza sospiza juri kemm l-istituzzjoni tas-sentenza sospiza tista' tigi abbuzata. L-ewwel qorti f'dan il-kaz, tenut kont, kif inghad, li si trattava ta' dhul f'Malta b'dokumenti foloz, u fejn ma jirrizultax li kien hemm xi cirkostanzi specjali jew straordinarji li wassal ghal tali dhul b'dawk id-dokumenti, ghamlet sew li tat sentenza ta' prigunerija b'effett immedjat. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

42. Anke din il-Qorti kif komposta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Abdul Mohsin HAMAD u Simon Gatlaih DAK** deċiża fit-8 t'April 2021 qablet mal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano f'**Abekunle et** u **Haga,** meta ikkonfermat sentenza ta' sena priġunerija mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għal reati ta' natura simili għal dawk in disamina u dan wara li saħqet li dawn saru każijiet pjuttost komuni, huma ta' serjeta' liema bħalha minħabba li l-komportament tal-ħati jista' jimmina s-sigurta' tal-Istat u għalhekk dan kellu wkoll rifless fil-piena.

43. Dan qiegħed jingħad ukoll in kwantu f'dawn l-aħħar snin, għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati, li mhix marbuta bi preċedent jew bi ġwida għas-sentenzjar tagħha, żviluppat ukoll forma ta' politika ta' sentenzjar simili għal dawn ir-reati li tagħhom l-appellanti ġew misjuba ħatja, u reati tal-istess natura, bil-maġġoranża assoluta tagħhom f'dawn l-aħħar sentejn, madwar 262 każ, jirċievu sentenza ta' sitt xhur priġunerija.

44. Huma evidenti li f'dawn il-każijiet, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali f'Malta jqisu l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena bħala li jakkwistaw importanza maġġuri milli f'każijiet ta' reati oħra. Dan ukoll fid-dawl tal-obbligi internazjonali ta' Malta f'dan il-qasam.

45. B'hekk il-kwalita tal-piena erogata mill-Qorti tal-Maġistrati, iġifieri dik ta' priġunerija kienet korretta fiċ-ċirkostanzi u ma jistax jingħad li kienet żbaljata fil-prinċipju; u s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ kienet issegwi din il-politika ta' sentenzjar li jirriżulta kjarament li ġiet adottata f'każijiet analogi.

46. Inoltre, kif diġa ġie spjegat aktar il-fuq, l-ammont ta' sitt xhur priġunerija ma jistax jitqies bħala piena li kienet eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Jekk xejn kienet piena li kienet tirriżulta fil-minimum għal każijiet ta' din in-natura.[3] Kif muri diġa kemm fis-sentenzi **Abekunle et, Haga,** kif ukoll fis-sentenza **Hamad et,** fost l-oħrajn, it-terminu ta' priġunerija emanat kien akbar minn sitt xhur priġunerija.

47. Illi anke meta jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, mill-ftit provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) xorta waħda jibqa' l-fatt li l-piena erogata, dik ta' sitt xhur priġunerija kienet ġustifikata – aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li l-appellanti irreġistraw ammissjoni fil-preżentata u l-qualitas u quantum tal-provi miġjuba quddiem dik il-Qorti irriżultaw mill-atti li huma skarni ħafna. Anzi, mill-verbal tas-seduta unika miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jirriżulta li dik il-Qorti kellha l-benefiċċju li tisma' lill-Uffiċjal Prosekutur jispjega ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-arrest tal-appellanti fl-istadju tal-proċedura meta dik il-Qorti riedet tiddeċiedi jekk kienx hemm raġunijiet legali u fattwali li kienu jiġġustifikaw il-preżentata tal-appellanti taħt arrest. B'hekk almenu dik il-Qorti kellha stampa ta' x'wassal lil Pulizija biex jinvestigaw dan il-każ, l-eżitu tal-investigazzjoni tagħhom sa dak il-punt u r-raġuni wara l-azzjoni meħuda minnhom.

48. Biss peress li bħala regola l-Qrati tal-Maġistrati ma jirreġistrawx dawn is-sottomissjonijiet, din il-Qorti ma għandhiex dak il-benefiċċju li kellha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tisma' dawk ir-raġunijiet mogħtija mill-Uffiċjal Investigattiv. Jiġi mtenni li din hija prassi li tiġi segwita bħala regola mill-Qrati tal-Maġistrati kollha u mhux minn dik il-Qorti partikolari li ddeċidiet dan il-każ, li din il-Qorti taf kemm hija diliġenti u attenta f'xogħolha. Filwaqt li din il-Qorti tifhem il-pressjoni ta' xogħol enormi fuq il-Qrati tal-Maġistrati, mill-banda l-oħra tqis li, f'każijiet analogi, ikun ferm importanti li l-Qorti

---

[3] Kif jirriżulta wkoll mill-istatistika li ġiet pubblikata mill-Ministeru tal-Intern imsemmija aktar il-fuq, jirriżulta li din il-politika ta' sentenzjar ta' sitt xhur priġunerija fl-istragrande maġġoranza tal-każijiet l-anqas kienet qegħda sservi ta' deterrent effikaċi in kwantu dawn it-tip ta' każijiet xorta waħda baqgħu jiġu kommessi f'numri kbar.

tal-Maġistrati, minkejja l-ammissjoni reġistrata, tkun tista' tisma' evidenza li biha tkun tista' tikkalibra aħjar il-piena li tkun trid teroga fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u li din l-evidenza tiġi debitament reġistrata. Dan mhux biss ikun importanti għall-eżerċizzju tal-analiżi li tkun trid tagħmel dik il-Qorti għall-fini tad-determinazzjoni tal-piena idoneja fiċ-ċikorstanzi tal-każ, iżda jkun ukoll utli għal din il-Qorti jekk is-sentenza tiġi appellata.

49. In-nuqqas ta' provi li jinsabu fil-proċess jagħmel ix-xogħol ta' din il-Qorti iżjed diffiċli in kwantu ma hemmx informazzjoni biżżejjed biex din il-Qorti tkun tista' tevalwa sewwasew jekk u kemm dak mistqarr mill-appellanti hux minnu jew le. Għalkemm din hija qorti tat-tieni grad, hija xorta waħda tibqa' Qorti ta' Ġustizzja Kriminali, u tiddeċiedi l-każijiet li jkollha quddiemha in bażi għall-provi li jinġiebu. Kif intqal aktar il-fuq pero, l-irwol ta' din il-Qorti huwa wieħed ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u mhix Qorti li terġa tiftaħ il-każ beraħ. F'dan il-każ stante li l-appell huwa wieħed ristrett biss għall-piena inflitta, terġa u tgħid il-mansjoni ta' din il-Qorti huwa ta' reviżjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Biss ma jfissirx li din il-Qorti ma teżaminax l-atti tal-proċess biex tkun tista' tifhem sewwasew x'wassal lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) li teroga l-piena fil-każ de quo.

50. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-informazzjoni li kienet disponibbli mill-atti hija waħda limitata ħafna. Mill-atti jirriżultaw biss xi dokumenti preżentati mill-Prosekuzzjoni, nonche l-verbal tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Filwaqt li ġiet eżebita l-istqarrija ta' l-appellanta Rabia YAVUZ, ma jirriżultax li ġiet eżebita wkoll xi stqarrija li setgħet irrilaxxjat l-appellant l-oħra Muzekka DENERI. Matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell il-Qorti ġiet infurmata li DENERI ma ġietx mitluba tirrilaxxja stqarrija.

51. Jirriżulta li ġie eżebit l-NPS IMM/BCPA/56/2021 minn fejn jirriżulta li nhar is-26 ta' Lulju 2021 għall-ħabta tal-1730 waqt li kienu qed isiru l-verifiki wara l-wasla tat-titjira A3 730 minn Ateni, fil-Greċja, l-Pulizija innotat sitt passiġġieri – żewġt irġiel, żewġt nisa u żewġt itfal minuri u meta dawn ġew imwaqfa instab li kellhom fuqhom tliet karti tal-identita Taljani li kienu kontraffatti u tliet karti tal-identita Franċiżi li wkoll kienu kontraffatti.

52. Ġiet eżebita l-karta tal-identita Torka ta' YAVUZ Rabia, li ġġib in-numri 67411056392. Eżebita wkoll il-liċenza tas-sewqan ta' Rabia YAVUZ. Eżebita wkoll il-karta ta' l-identita ta' Akif Yavuz, tifel

mitwieled fl-10 t'Awissu 2018, ta' nazzjonalita Torka, liema karta tal-identita ġġib in-numri 13740101074, missieru jismu Fatih Rabia. Ġie eżebit ukoll il-boarding pass li wżat YAVUZ sabiex waslet Malta u li kien isejjaħ lil ċerta Mezhoud Hosna – iġifieri dik il-persuna li kienet tidher fuq il-karta tal-identita Franċiża falza li nstabet fuq il-persuna ta' YAVUZ.

53. Ġiet eżebita wkoll il-karta tal-identita ta' Muzekka DENERI li ġġib in-numru 35857997890. Ġie wkoll eżebit check person maħruġ nhar is-26 t'Awissu 2020 fil-konfront ta' DENERI Muzekka, kif ukoll estratt miċ-ċertifikat tat-tieġ ta' Muzekka DENERI ma Musa Deneri liema żwieġ ġie ċelebrat fit-2 ta' Mejju 2015 kif ukoll Boarding Pass f'isem Zanella Selvia li bih, preżumibbilment waslet f'Malta l-appellanta Muzekka DENERI.

54. Apparti dan ġew eżebiti wkoll karta tal-identita fl-isem ta' Sina DENERI bid-data tat-twelid tkun 15 t'April 2017 ta' sess maskili u ta' nazzjonalita Torka, liema karta ġġib in-numru 24481331804 u tiskadi fid-19 t'April 2027, b'missieru jkun jismu Musa. Ġie wkoll eżebit boarding pass f'isem Del Gatto Mario – preżumibbilment abbinat mad-dokument falz eżebit b'riferenza għal wieħed mis-subien minuri, preżumibbilment Sina Deneri.

55. Imbagħad ġew ukoll eżebiti d-dokumenti tal-identita foloz li permezz tagħhom l-appellanti kienu qegħdin jagħmlu l-vjaġġ flimkien maż-żewġ subien minuri.

56. Matul il-kors tal-appell l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma li, mill-informazzjoni disponibbli għalih, l-indikazzjoni kienet li dawn iż-żewġt itfal kienu jiġu wlied l-appellanti. Sina Deneri jiġi iben Muzekka DENERI filwaqt li Akif Yavuz jiġi iben l-appellanti Rabia YAVUZ. Ġie wkoll konċess li probabbilment id-dokumenti tal-identita tal-appellanti u wliedhom li jinsabu minn fol 7 sa' fol 11 kif ukoll iċ-ċertifikat taż-żwieġ eżebit a fol 20 u 21 huma, probabbilment ġenwini. Ċertezza dwar dan pero ma hemmx.

57. T'interess partikolari f'dan il-każ hija l-istqarrija tal-appellanta Rabia YAVUZ, meħuda nhar is-27 ta' Lulju 2021 fl-21:42 fejn mogħtija l-jeddijiet tagħha, għażlet li tirrilaxxja l-istqarrija mingħajr l-assistenza legali, għalkemm kellha assistenza tal-interpretu. Mistoqsija kif waslet l-Ewropa l-ewwel darba tgħid li hija daħlet mit-Turkija u kull ma kienu għamlu kien li qasmu xmara bid-dgħajsa fil-

15 ta' Ġunju 2020. Tgħid ukoll pero li ġieli kienet marret l-Awstrija u r-Repubblika Ċeka għal vaganza. Tgħid li kienet telqet mill-Greċja għax ir-raġel tagħha kien imfittex mill-Gvern ta' Erdogan. Tgħid li arrestawha eżatt kif kellha t-tifel u ħarbet minn hemm. Sal-lum il-familja tagħha tgħix fit-Turkija u li għadhom jiġu mistoqsija mill-Gvern Tork dwarha. Iżżid tgħid li ħadulha l-warrant ta' għalliema u ma tistax taħdem hemmhekk. Telqet mill-Greċja minħabba raġunijiet ekonomiċi u għall-liberta. Tgħid li hija kienet toqgħod f'Ateni u kien applikat għall-Ażil fil-Greċja. Iżda qalet li riedet taħrab mill-Greċja għax ma ħallewhiex tkompli bil-proċess tagħha għall-ażil. Żiedet li l-ħbieb tagħha jgħixu l-Ġermanja u jħossuhom safe ħafna hemmhekk filwaqt li l-Greċja hija qrib ħafna tat-Turkija.

58. Mistoqsija jekk kienetx ġiet arrestata f'xi pajjiż ieħor jew kienetx imfitxija minn xi pajjiż twieġeb fin-negattiv. Tgħid li kienet taf għaliex ġiet arrestata fl-ajruport ta' Malta, iżda żżid li hija ma kellhiex għażla oħra. Mistoqsija jekk riedetx tiġi Malta jew tmur f'pajjiż ieħor, hija twieġeb li riedet tmur l-Olanda. Mistoqsija jekk kellhiex xi biljett għal pajjiż ieħor twieġeb "Iva jista jkun li seħibti (dik li arrestajtu miegħi) kellhi xi biljett għall-Belgium".

59. Tikkonferma li huma ma kienux sejrin jorqdu hawn Malta u kienu sejrin jitilqu mal-ewwel. Mistoqsija għaliex ma marritx dirett mill-Greċja għall-Belġju, iżda għaddiet minn Malta, hija wieġbet li għamlet hekk għax żewġha qallha li kien aħjar li tgħaddi minn Malta u kien żewġha li rranġalha kollox.

60. Kif intqal aktar il-fuq, mal-wasla tal-appellanta f'Malta hija ġiet miżmuma flimkien mal-ko-appellanta u żewġ tfal minuri. Iżda kien hemm ukoll żewġt irġiel magħhom. Dawn irriżultaw li kienu Youssef Hammat, Alġerin ta' 29 sena u li jgħid f'Ateni u l-ieħor kien Mohammed Lassad Brigi, Libjan ta' 36 sena u li kien ukoll residenti f'Ateni. Dawn ukoll kienu fi triqithom lejn il-Belġju.

61. Ebda wieħed minn dawn l-irġiel ma jirriżulta li kien żewġha. Fil-fatt, meta ġiet mistoqsija għaliex żewġha ma kienx magħha fil-jum ta' qabel, YAVUZ wieġbet li dan seħħ għax ma kellhomx biżżejjed flus biex isiefru kollha f'daqqa u meta pruvat isiefru kollha flimkien mill-Greċja ma rnexxielhomx.

62. Il-Greċja kienu jgħixu grazzi għall-benefiċċji soċjali provduti mill-Gvern Grieg kif ukoll billi kienu jgħinuhom xi familjari. Ir-raġel

tagħha ma kienx jaħdem u minħabba l-COVID ma kienx hemm xogħol. Hija kkonfermat li meta ġiet arrestata fil-pussess tagħha kellha karta tal-identita Franċiża bin-numru 190763162386 li kienet tgħajjat li ċerta Hosna Mezhoud. Hi ma kienetx taf minn fejn inġieb dan id-dokument in kwantu kien żewġha li rranġa l-affarijiet kollha.

63. Peress li meta waslet hija kienet fil-kumpanija ta' raġel ieħor, li ma kienx żewġha, YAVUZ twieġeb li "kien hemm wieħed bilqegħda ħdejja imma x'ħin it-tifel beda jibki, telaq minn ħdejja. Ma nafx min hu. Indunajt li kien arrestat fl-airport għax ġabuh fl-istess kamra magħna. Jien qatt ma kont rajtu qabel il-bieraħ. Ir-raġel qalli li kien se jgħini nasal hemmhekk".

64. Mistoqsija dwar il-mara l-oħra ta' nazzjonalita Torka li kellha magħha YAVUZ twieġeb li dik kienet ħabiba tagħha, u kienet għalliema bħalha. Tgħid ukoll li ddispjeċiha ħafna ta' dak li għamlet u żiedet tikkonkludi li riedet tmur lura Ateni.

## Ikkunsidrat

65. Fix-xogħol tagħhom dawn il-Qrati jiltaqgħu kemm ma xhieda jew appellanti li jgħidu l-verita, kemm bil-ġurament, u kemm mingħajr ġurament; iżda jiltaqgħu ukoll ma xhieda jew appellanti li ma jgħidux il-verita, kemm mingħajr ġurament kif ukoll, bil-ġurament. Ebda Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tista' tieħu, a bocca baciata, dak kollu li persuna tgħid jew tixhed quddiemha. U aktar ma persuna jkollha interess fil-każ de quo, akbar trid tkun l-attenzjoni li l-Qorti trid tuża meta tiġi biex tevalwa dak li dik il-persuna tkun qegħda tgħid – b'mod partikolari biex tixtarr jekk dik il-persuna tkunx qegħda tgħid il-verita jew inkella tkunx qed tivvinta affarijiet biex teskolpa ruħha jew tipprova timmitiga ċerti fatti li jistgħu ikunu inkriminanti.

66. B'hekk il-Qorti tkun trid tistħarreġ il-provi l-oħra kollha u tara tistax tistabbilixxi jekk u safejn verżjoni ta' xhud tkunx imsaħħa minn xi xiehda jew ċirkostanzi oħra. F'każ fejn ebda xhud ma jkun xeħed, bħal ma ġara f'dan il-każ fejn minħabba li tkun ġiet reġistrata ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, u fejn il-Prosekuzzjoni jew id-Difiża ma jkunux talbu li jressqu xi prova li tista' taffettwa l-kalibrazzjoni tal-piena, jew fejn il-Qorti tal-Maġistrati tkun għażlet li ma tisma ebda tali prova, ma jkunx jista' jsir eżerċizzju li permezz

tiegħu Qorti ta' appell tkun tista' tevalwa jekk u kemm dak li jkun qed jiġi allegat mill-appellanti jkunx minnu jew le.

67. Din il-Qorti ma għandhiex provi li bihom tista' tikkontrolla jekk dak mistqarr mill-appellanta YAVUZ fl-istqarrija tagħha, jew dak allegat miż-żewġ appellanti fir-rikors tal-appell, hux minnu jew le.

68. Fir-rikors tal-appell tagħhom l-appellanti jgħidu li huma kienu żewġ għalliema Torok u ommijiet ta' żewġt itfal minorenni li flimkien magħhom kienu imbarkaw fut titjira li kellha twassalhom il-Belġju. Jgħidu li huma kienu ħarbu mit-Turkija lejn il-Greċja fl-2016 meta kienu involuti fil-moviment GULEN li wassal għal attentat ta' kolp ta' stat kontra Recep Tajjep Erdogan u dan sabiex jevitaw il-konsegwenzi atroċi u koroħ in segwitu għall-falliment ta' dan il-kolp ta' stat. Huma sostnew illi peress li kien hemm il-possibilita li d-dokumenti tagħhom ma kienux se jiġu rinnovati ddeċidew li jimbarkaw fuq it-titjira lejn Brussell, liema vjaġġ kien jinkorpora fih waqfa ta' sagħtejn f'Malta nhar it-Tnejn, 26 ta' Lulju 2021. Huma jgħidu wkoll li kienu użaw dokumenti foloz biex jivvjaġġjaw. Huma jtennu li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tkun ferm aktar klementi magħhom in kwantu huma kienu ħarbu minn art twelidhom minħabba r-riperkussjonijiet li kien hemm kontra dawk li kienu ħadu sehem fil-moviment GULEN u dawn kellhom jaħarbu minħabba l-opinjoni politika tagħhom. Essenzjalment dan kellhom jagħmluh waqt li kienu qed jieħdu ħsieb it-tfal minorenni tagħhom.

69. Prova oġġettiva dwar kemm dawn l-istqarrijiet huma veri ma hemmx fil-proċess.

70. Jgħidu li f'dan il-każ l-appellanti ma kienux persuni ta' karattru refrattarju u b'hekk kien aktar faċli għal dik il-Qorti li timponi piena alternattiva għal dik ta' priġunerija effettiva. Iżda anke hawn, ma hemm ebda prova li turi l-karattru tal-appellanti jekk humiex persuni inċensurati jew humiex preġudikati. Naturalment in kwantu jirriżulta li dawn qattgħu biss ftit ħin fuq l-art Maltija qabel ġew arrestati, u ma jirriżultax li dawn kienu daħlu f'Malta qabel, il-fedina penali lokali tagħhom probabbilment hija netta. Iżda dan ma jfisser xejn in kwantu dak li l-Qorti kien ikun jinteressaha tkun taf huwa preċiżament kemm verament l-appellanti huma nies ta' karattru tajjeb u mhux refrettarju u kemm le. Stante li dawn ammettew il-ħtija tagħhom mill-ewwel, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għaddiet biex

temana s-sentenza u b'hekk ma kienx hemm ħin u lok li ssir indaġini aktar approfondita dwar il-preċedenti tal-appellanti.

71. L-appellanti jsostnu li kien hemm episodji oħra fejn il-Qorti tal-Maġistrati imponiet pieni ferm anqas gravi f'kawżi fejn ma kien hemm ebda ammissjoni bikrija u fejn l-akkużi kienu jissuperaw bil-bosta s-serjta tal-akkużi ta' użu ta' dokument iffalsifikat. Dan l-aggravju huwa vag in kwantu ma jagħmel ebda riferiment għal xi każijiet partikolari. Biss din il-Qorti tqis li verament hemm diversi każijiet fejn tirriżulta differenza jew disparita fil-piena. Jekk wieħed iqabbel ftit il-piena erogata f'dan il-każ, ma dik mogħtija f'**Abekunle et, Haga** u **Hamad et**. wieħed jara b'mod ċar li f'dan il-każ il-piena ta' sitt xhur priġunerija kienet anqas minn dik erogata f'dawk it-tliet każijiet l-oħra.

72. Bosta drabi, min mhux midħla daqshekk tal-qasam Ġudizzjarju jara din id-differenza jew disparita fil-pieni bħala prova ta' inkonsistenza minn naħa tal-Qrati. Anzi, bosta drabi jsir tixbieħ u tqabbil bejn sentenzi mogħtija fir-rigward ta' ġeneri ta' reati differenti kemm fl-element formali kif ukoll fl-elementi materjali tar-reati in diskussjoni. Filwaqt li ebda membru tal-Ġudikatura ma huwa infallibbli - et infrascriptis, primum – fil-maġġoranza assoluta tal-każijiet dejjem ikun hemm raġuni jew oħra għaliex ikun hemm xi differenzi jew disparitajiet fil-piena erogata – anke fejn ikunu każijiet li jinvolvu l-istess natura ta' reati – jekk mhux ukoll ko-akkużati fl-istess reat – aħseb u ara f'każijiet ta' natura differenti jekk mhux ukoll b'elementi formali differenti!

73. Apparti minn hekk il-kwistjoni ta' differenza jew disparita fis-sentenzjar mhix xi fenomenu li wieħed isib biss f'Malta, iżda huwa fenomenu li jinsab f'bosta ġurisdizzjonijiet, kemm kontinentali, kemm dawk anglo-sassoni u oltre. Dan huwa fenomenu li jitnissel mill-fatt li, kif intqal fiċ-ċitazzjoni riportata fl-appell kriminali superjuri Malti **Butler et** :

> S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

74. Anzi kemm il-fenomenu tad-disparita jew differenza fis-sentenzjar jista' jieħu bixriet anke aktar strambi jirriżulta b'mod aktar

spikkat fil-każijiet ta' disparita f'piena mogħtija lil żewġt ko-akkużati fl-istess każ u li skont il-ġurisprudenza, kemm lokali u kif ukoll dik Ingliża, l-anqas tali disparita ma hija awtomatikament ċensurabbli jew rivedibbli fl-appell. Fil-fatt, apparti fl-appell superjuri **Butler et** imsemmija aktar il-fuq, aktar reċenti, din il-Qorti kolleġjalment komposta fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Duncan SCERRI et** deċiż fil-5 ta' Marzu 2015, f'każ fejn ġie saħansitra sollevat l-argument ta' disparita tal-piena inflitta fil-każ ta' ko-akkużati, dik il-Qorti iċċitat, b'approvazzjoni dak li jgħid kemm Blackstone, kif ukoll Archbold, fuq dan il-punt.

75. Din il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi, s-silta meħuda mill-Archbold, dwar il-posizzjoni ta' disparita tas-sentenzi tal-Qrati tispjega b'aktar mod ċar il-posizzjoni imsemmija aktar il-fuq : -

> Archbold, f'Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2001 (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:
>
> "Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: 'would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?' (per Lawton L.J. in R. v. Fawcett, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see R. v. Large, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see R.v. Stroud, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as R. v. Wood, 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., Fawcett, ante, and Broadbridge, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in Fawcett is satisfied."

76. Kull każ għandu realtajiet u ċirkostanzi partikolari tiegħu li l-Ġudikant għandu jieħu in konsiderazzjoni meta jiġi biex jemana s-sentenza tiegħu. Fil-fatt huwa preċiżament għalhekk li, fis-sentenza **Abekunle et** il-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano saħaq li bħala regola ġenerali (ripetuta darbtejn, kif jidher fis-silta ċitata), dawn il-każijiet għandhom jiġu puniti b'sentenza ta priġunerija effettiva. B'hekk l-aggravju fis-sens li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet, f'każijiet oħra, imponiet pieni anqas gravużi anke f'każijiet fejn ma kienx hemm ammissjoni huwa inkonsegwenzjali f'dan il-każ, salv għal dak li se jingħad aktar l-isfel.

77. Imbagħad hemm argument ieħor imressaq mill-appellanti sabiex juru għaliex f'dan il-każ il-piena ta' sitt xhur priġunerija kienet sproporzjonata mal-grad tal-ħażen u responsabbilta tagħhom. Huma jsostnu li l-artikolu 31(1) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 li għandha x'taqsam mal-istatus tar-Refuġjati, u li tagħha Malta hija firmatarja, kienet tipprovdi li l-pajjiżi kontraenti ma kellhomx jimponu pieni minħabba d-dħul jew il-preżenza illegali fit-territorju tagħhom minn refuġjati li "coming directly from a territory where their life or freedom was threatened in the sense of article 1, enter or are present in their territory without authorization, provided they present themselves without delay to the authorities and show good cause for their illegal entry or presence". L-appellanti jgħidu li huma kienu ottjenew informazzjoni u parir b'rabta ma talba għall-ażil u ssottomettew ukoll talba għall-ażil. Huma jisħqu li dan l-artikolu tal-Konvenzjoni imsemmija huwa bbażat fuq il-fehma li r-refuġjati spiss ma jkunux jistgħu legalment iħallu pajjiżhom, jivjaġġjaw u jidħlu f'pajjiż sikur. Dan minħabba n-natura tat-tluq tagħhom, li jista' jinkludi: persekuzzjoni mill-Istat tagħhom stress, nuqqas tal-Istat tagħhom li jipproteġihom mill-persekuzzjoni minn entita mhux statali, gwerra ċivili, eċċetra. L-appellanti jagħtu wkoll it-tifsira tagħhom għal dan l-artikolu. Jgħidu li r-rekwiżit tal-ħin rifless fl-espressjoni "without delay" juri li għandu jsir apprezzament taċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Dan kien jinkludi id-disponibbilta' ta' informazzjoni xierqa u anka l-possibilita ta' parir legal sabiex dak li jkun japplika għall-ażil. Dawk l-individwi li jesprimu immedjatament il-biża li jiġu ritornati lejn il-pajjiżi tal-oriġini tagħhom jissodisfaw dawn il-kriterja billi l-espressjoni ta' tali biża hija kunsiderata li tqajjem l-obbligu tal-Istat Malti li ma jirritornaħhomx lura u li jivvaluta t-talbiet tagħhom. L-individwi li ma jesprimux minnufih tali biżat jew intenzjoni li jitolbu l-ażil, jista' jkun riżultat tal-fatt li tali persuni jkunu jeħtieħu informazzjoni xierqa u fejn rilevanti pariri dwar il-possibilita li jfitxu protezzjoni f'Malta. F'dan il-każ, wieħed kellu japprezza l-fatt li fiċ-ċirkostanzi, l-appellanti ġew arrestati minnufih malli waslu Malta u b'hekk ma kellhomx l-opportunita li japplikaw għall-ażil. Minbarra dan l-espressjoni "coming directly from a territory" ma kienetx teħtieġ interpretazzjoni litterali, iżda kienet maħsuba biex teskludi dawk fejn setgħet tfittex protezzjoni reali u effettiva f'pajjiż terz u b'hekk kienet teħtieġ apprezzament individwali taċ-ċirkostanzi rilevanti. Jenfasizzaw li dan il-kliema ma jeskludix lil dawk l-individwi li setgħu għaddew minn pajjiż terz fi triqithom lejn Malta. Apparti minn dan jisħqu wkoll li għalkemm dan l-artikoli jidher li japplika għal refuġjati, il-Liġi internazzjonali u l-ġurisprudenza jinkludu f'dan it-

terminu kull persuna li tgħid li hija refuġjata u għaldaqstant, naturalment, tinkludi lil dawk l-individwi li jridu jfitxu l-ażil.

78. Din il-Qorti m'għandhiex il-ġurisdizzjoni u s-setgħa legali biex tidħol fl-argument jekk l-appellanti għandhomx jedd li jitqiesu refuġjati jew rikjedenti l-ażil. Kif diġa ingħad il-provi f'dan il-każ huma skarni. L-akbar sors t'informazzjoni hija l-istqarrija tal-appellanta YAVUZ u dawk id-dokumenti eżebiti – uħud preżumibbilment ġenwini u dawk dikjaratament foloz. L-istorja tal-appellanta DENERI hija avvolta f'misteru in kwantu ma hemm ebda stqarrija tagħha. Dik ta' YAVUZ, fiha ftit dawl, dejjem jekk wieħed jemmen dak li qed tgħid YAVUZ – in kwantu ma hemm ebda prova oġġettiva li tista' ssaħħa jew iddgħajjef dak li hemm fl-istqarrija tagħha. B'hekk din il-Qorti ftit tista' tespandi fuq din ir-raġuni in kwantu ma hemmx prova soda u ċerta dwar jekk hux minnu li l-appellanti kienu qegħdin jaħarbu mir-repressjoni fit-Turkija. Il-ftit fatti li jirriżultaw lil din il-Qorti joħorġu mill-istqarrija ta' l-appellanta YAVUZ, li kif intqal qabel, din il-Qorti ma għandhiex biex tikkontrolla kemm hija veritjiera o meno. B'hekk din il-Qorti mhix sejra tippronunzja ruħha dwar din ir-raġuni miġjuba mill-appellanti, anke fid-dawl tal-fatt li l-istess appellant stqarrew li issa għamlu talba ġdida għall-ażil f'Malta. Jibqa' l-fatt li l-appellanti ammettew għar-reati kriminali li tagħhom ġew misjuba ħatja u sentenzjati. Dak huwa l-focus ta' dan l-appell.

79. Fil-fatt il-pern tal-aggravju tal-appellanti jistrieh fuq l-argument li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tieħu kont tal-fatt li l-appellanti kienu żewġt ommijiet ta' żewġt itfal minuri li ma kellhom ebda persuna oħra li fiċ-ċirkostanzi setgħet tassisti lil minuri. Dan wassal ukoll sabiex seħħet is-separazzjoni tat-tfal minuri minn ommijiethom bil-konsegwenti trawma li tali firda ġġib magħha. Peress li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tagħti importanza lil dan l-aspett jew ċirkostanza partikolari din il-Qorti kellha s-setgħa li tiddisturba dik is-sentenza. Huma jqisu li l-piena inflitta kienet sproporzjonata u eċċessiva filwaqt li setgħu ġew suġġetti għal piena ħafna aktar ekwa u ġusta fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tagħhom. Huma jilmentaw kemm mill-kwalita tal-piena kif ukoll fil-kwantita tal-piena inflitta in kwantu jgħidu li ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv skont il-ġurisprudenza lokali. Huma jgħidu li huma ma humiex persuni kriminali u aktar minn hekk kellhom bżonn l-għinuna tal-Istat. Il-piena ta' sitt xhur priġunerija ma kienet ta' ebda ġid u kienet tmur lil hinn minn kull aspett riformattiv.

80. Kif spjegat aktar il-fuq, għalkemm fl-atti ma hemmx provi sodi dwar jekk l-appellanti humiex verament l-ommijiet tal-minuri li magħhom kienu qegħdin jivjaġġaw, hemm provi li prima faciae jikkorroboraw din it-teżi. Dawk id-dokumenti tal-identita tal-appellanti li jidhru prima faciae ġenwini, kif spjegat aktar il-fuq jagħtu indikazzjoni li l-appellanti huma l-ommijiet ta' dawn iż-żewġ minuri, kemm minħabba l-kunjomijiet komuni, kif ukoll minħabba l-fatt li skont dawk id-dokumenti tal-identita dawn il-minuri, Sina ta' erba' snin magħluqa u Akif li se jagħlaq tliet snin fl-10 t'Awissu, kienu qegħdin jivjaġġjaw mal-appellanti DENERI u YAVUZ rispettivament. Iżda jidher li ġie wkoll konċess mill-Prosekuzzjoni li dawn it-tfal, li nġiebu wkoll il-Qorti meta l-appellanti ġew imresqin taħt arrest, huma t-tfal tal-appellanti skont kif imsemmi aktar il-fuq.[4]

81. F'dan il-każ jirriżulta li, in konnessjoni mal-fatti li taw lok għal dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkundannat lill-appellanti għal sitt xhur priġunerija kif ukoll lil Youssef Hammat, u lil Mohammed Lassad Brigi, għall-istess piena ta' sitt xhur priġunerija. Kif din il-Qorti diġa stqarret, din il-piena kienet kwalitativament u kwantitativament inċensurabbli.

82. Iżda f'dan il-każ ġie mressaq il-quddiem l-argument jekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-appellanti u ta' wliedhom minuri, kienx il-każ li, minħabba li huma ommijiet ta' dawn il-minuri, t'eta żgħira ħafna wieħed tal-idejn u l-ieħor kważi, li ma kellhomx familjari jew ħbieb f'Malta u li dawn it-tfal l-anqas kienu jafu jitkelmu la bil-Malti jew bl-Ingliż, kienx ikun aktar ġust li jingħataw piena alternattiva għal dik ta' priġunerija, bħal per eżempju piena ta' servizz fil-komunita jew piena alternattiva għal dik ta' priġunerija.

---

[4] Qabel xejn, dwar dan l-aħħar punt. Kemm jista' jkun tfal żgħar ma għandhomx jinġiebu fil-bini tal-Qorti sakemm ma jkunx assolutament meħtieġ. Il-Qorti jaf ikun post trawmatiku għall-kbar, aħseb u ara għal tfal żgħar. Fil-fatt il-Liġi tipprovdi għal dan fir-regolament 26(1)(e) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni :

(1) Ħadd ma jista', taħt il-pieni msemmija fl-artikolu 990 tal-Kodiċi –
iġib fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja xi tifel jew tifla taħt it-tlettax-il sena, ħlief meta dawk it-tfal ikunu msejħa bħala xhieda quddiem qorti jew tribunal ieħor li jżomm is-seduti fl-imsemmi bini, jew meta dik il-qorti jew dak it-tribunal ikun tal-fehma li l-preżenza ta' dawk it-tfal tkun meħtieġa f'konnessjoni ma' xi proċediment quddiem dik il-qorti jew dak it-tribunal, jew kif jista' jiġi awtorizzat xort'oħra mid-Direttur Ġenerali tal-Qrati, bil-kunsens tal-Prim Imħallef;

83. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-argument, u għamlet ir-riċerka tagħha fir-rigward ta' dak li jiġri f'Malta u f'pajjiżi oħra fl-Ewropa u barra minn dan il-kontinent meta qrati diversi jiġu konfrontati b'ommijiet ta' tfal żgħar ħafna li jiġu kundannati għal piena ta' priġunerija effettiva. Din il-Qorti rat diversi sentenzi mogħtija minn Qrati barranin f'dawn l-aħħar snin, mhux għaliex jagħmlu stat f'din il-ġurisdizzjoni, iżda għaliex temmen li din ir-riċerka tista' tgħinha fid-deċiżjoni aħħarija tagħha. Qieset ukoll l-iżviluppi li saru matul dawn l-aħħar għoxrin sena f'dan il-qasam, b'mod partikolari fl-Ingilterra in kwantu s-sistema proċedurali penali Malti huwa mnissel minn dak Ingliż. Qieset ukoll il-kambjamenti li ġew proposti u imwetqa f'diversi strumenti legali internazzjonali in konnessjoni ma dan is-suġġett u l-prinċipji legali li tnisslu minnhom.

84. Wieħed mill-argumenti mresqa mill-appellanti huwa li f'każijiet oħra ta' din in-natura li tagħhom instabu ħatja l-appellanti, ingħataw pieni differenti li mhux ta' priġunerija. Dan huwa minnu. Din il-Qorti qalet ċar u tond li taqbel li, <u>**bħala regola**</u>, ir-reati li tagħhom l-appellanti ġew misjuba ħatja għandhom jingħataw pieni ta' priġunerija effettiva. Punt. Iżda l-kwistjoni tibqa' jekk, f'ċerti ċirkostanzi partikolari, tistax tingħata piena differenti minn dik ta' priġunerija effettiva fid-dawl tal-fatt li l-ġudikabbli jkollu tfal dipendenti kompletament fuqu – mhux daqstant bħala **bread winner**, daqskemm bħala **primary care-giver**.

85. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Maġistrati, konfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif muri sa minn qabel żmien l-appell kriminali **Abekunle et** turi posizzjoni netta favur il-piena ta' priġunerija effettiva għal dawn ir-reati. Iżda kien hemm każijiet fejn, għal raġunijiet "umanitarji" jew xort'oħra din il-piena ta' priġunerija ġiet komminata fil-forma sospiża tagħha. Fil-fatt l-Avukat Ġenerali f'dan il-każ argumenta li fis-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta fl-ismijiet **The Police vs. Ad Holom Ad Holom** deċiża nhar it-30 ta' Novembru 2020, l-appellant li ġie misjub ħati li kkommetta reati simili u tal-istess natura għal dawk in disamina, bidlet is-sentenza ta' sitt xhur priġunerija għall-piena ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal tmintax il-xahar wara li qieset iċ-ċirkostanzi partikolari għal dak il-każ. A differenza ta' dan il-każ, fil-każ **Ad Holom**, l-appellant kien ippreżenta lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'dokumenti li kienu juru li huwa kien ibgħati minn kundizzjonijiet mediċi li kienu jeħtieġu attenzjoni medika partikolari nonche interventi kiruġiċi l-Qorti tal-Appell Kriminali, għal raġunijiet umanitarji kienet bidlet is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

fis-sens li ssospendiet it-terminu ta' sitt xhur priġunerija kif intqal aktar il-fuq.

86. Iżda l-Avukat Ġenerali jargumenta li b'differenza għal każ **Ad Holom**, dan il-każ ta' YAVUZ u DENERI ma kien fih ebda raġuni partikolari għajr ħlief għall-fatt li l-appellanti huma ommijiet ta' tfal żgħar li kisru l-Liġi billi daħlu f'Malta permezz ta' dokumenti foloz. Din ma kienetx raġuni għaliex din il-Qorti kellha timxi fuq l-istess preċedent ta' **Ad Holom**. Anzi l-Avukat Ġenerali ssostni li l-fatt li l-appellanti huma ġenituri mhux raġuni għaliex huma kellhom jibbenefikaw minn xi piena differenti minn dik mogħtija fil-każijiet l-oħra. L-Avukat Ġenerali ssostni li jekk il-fatt biss li l-appellanti huma ġenituri tittieħed in konsiderazzjoni bħala fattur mitiganti, allura nofs il-ħabs, li kollha huma ġenituri għandhom ukoll jibbenefikaw minn tali mitigazzjoni.

87. Id-Difiża minn naħa tagħha ikkonċediet li f'dan il-każ il-fatt li l-appellanti kienu ġenituri, per se, ma kienx raġuni li in bażi tiegħu setgħu jinvokaw l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali sabiex il-Qorti tagħti sentenza taħt il-minimu. Id-Difiża kienet ikkonċediet ukoll li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ kienet il-piena fil-minimum u ma setgħetx tinżel minn dik il-piena. Iżda d-Difiża ssostni li l-fatt li l-appellanti kienu qegħdin jaħarbu mill-persekuzzjoni, ladarba fil-Greċja l-proċess tal-Ażil tagħhom ma wassal imkien – anzi ingħataw avviż biex jitilqu l-barra minnhemm, u b'mod partikolari ġaladarba huma kienu l-ġenituri li jieħdu ħsieb żewġ subien ta' kważi tliet snin u erba' snin rispettivament, li ma kellhom lil ħadd f'Malta ħliefhom, u li ma kienux jitkelmu la bil-Malti u l-anqas bl-Ingliż, dawn kienu fatti li minnhom infushom kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex l-appellanti, li ma kienux kriminali, jingħataw piena alternattiva bħal ordni ta' servizz fil-komunita.

88. Din il-Qorti, wara li ħasbet fuq dawn is-sottomissjonijiet u għamlet ukoll ir-riċerka ta' każijiet lokali tqis li ma tistax taqbel mal-ġeneraliżmi fl-argument tal-Avukat Ġenerali. Huwa minnu li diversi persuni jistgħu ikunu ġenituri, iżda ma jfissirx li kull ġenitur jispiċċa fil-posizzjoni tal-appellanti. Kif intqal aktar il-fuq, kull każ irid jiġi analizzat fid-dawl tal-partikolaritajiet tiegħu u ma tistax titfa' lil kulħadd fl-istess keffa.

89. Apparti minn hekk huwa veru li l-Qorti tal-Appell Kriminali u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ġieli għażlu li jagħtu pieni li ma kienux ta' priġunerija effettiva – anke f'każijiet li ma kienux b'mod ċar ta' natura

umanitarja bħal ma kien **Ad Holom** jew dak ta' Yasmin Assaf. Fil-fatt, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Yasmin Assaf**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-25 ta' Jannar 2017, l-imputata, mara ta' dsatax il-sena kienet ġiet sentenzjata għal piena ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal sena wara li kienet daħlet f'Malta bl-użu ta' karta tar-residenza falza sabiex tkun tista' tingħaqad ma żewġha u ż-żewġt uliedha. Assaf, li hija Sirjana, kienet waslet Malta minn Catania. Hija ammettiet mal-ewwel il-ħtija tagħha, apoloġizzat, u stqarret li hija għamlet hekk biex tingħaqad ma' żewġha u wliedha ta' sitt xhur u sentejn waqt li żewġha kien jgħix Malta wara li kien ingħata l-ażil. Il-Qorti kienet ħadet in konsiderazzjoni dawn il-fatturi meta emanat is-sentenza tagħha.

90. Iżda anke każijiet oħra bħal dawk imsemmija fl-appell kriminali **Abekunle et**, li ma kellhomx l-istess raġunijiet "umanitarji" msemmija fil-każ Assaf, ukoll ġieli ingħataw sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Hekk, ad eżempju l-każ **Il-Pulizija vs. Julian Rama**, Albaniż, li nhar is-7 t'Awissu 2018 ingħata sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' tmintax il-xahar priġunerija sospiżi għal erba' snin wara li huwa kien ammetta li, inter alia, daħal f'Malta bl-użu ta' passaport falz. Fil-kawża **Il-Pulizija vs. Ben Cura**, Albaniż ieħor, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-2 t'Ottubru 2018, Cura ingħata sentenza ta' sena priġunerija sospiżi għal tmintax il-xahar wara li ammetta li kien inter alia għamel użu minn passaport falz.

91. Dawn huma ftit eżempji ta' każijiet, li jinsabu fil-minoranza meta mqabblin mal-każistika kopjuża li fuqha persuni li jinqabdu jagħmlu reati tan-natura li nstabu ħatja l-appellanti intbagħatu għal piena ta' priġunerija effettiva, li normalment tkun tammonta għal sitt xhur priġunerija. Il-Qrati tal-Maġistrati li emanaw dawn is-sentenzi ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha qiesu li kien hemm raġunijiet validi għalihom biex jagħmlu dan. Iżda għalkemm fil-minoranza, dawn il-Qrati żammew dak l-element ta' diskrezzjoni sabiex, limitatament għal dawk il-każijiet li qiesu li jimmeritawhom, emanawlhom sentenzi ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha.

92. Fil-każ de quo, is-sitwazzjoni li jilmentaw dwarha l-appellanti hija li bis-sentenza ta' priġunerija effettiva, huma ġew forzożament separati minn uliedhom t'eta tenera u li f'Malta ma għandhom lil ħadd u li ma jifhmux la bil-Malti u l-anqas bl-ingliż. Huma jinvokaw favur tagħhom il-mitiganti tal-interess suprem tal-minuri.

93. Din il-Qorti tagħmilha ċara li f'dan il-każ min żbalja ma kienetx il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li emanat is-sentenza tagħha fil-parametri tal-Liġi u fil-minimum li setgħet tagħti, iżda semmai kienu l-appellanti li, bl-azzjoni illegali tagħhom, poġġew mhux biss lilhom infushom fil-gwajj ġudizzjarju, iżda ppreġudikaw ukoll l-interessi t'uliedhom minuri li kienu qed jivjaġġjaw magħhom. Is-separazzjoni forzata huma ġabuha b'idejhom – l-ewwel is-separazzjoni minn missier il-minuri meta ddeċidew li jimbarkaw fuq dan il-vjaġġ; imbagħad it-tieni separazzjoni meta ġew maqbuda li daħlu fl-Malta illegalment u kienu qegħdin jippjanaw biex joħorġu minn Malta, illegalment, lejn pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropea, u ġew arrestati, meħuda l-Qorti u sentenzjati. Bid-dovut rispett, kienu jafu li qegħdin jagħmlu attivita illegali u li jekk jinqabdu kienu sejrin jiġu fl-inkwiet mal-Liġi. Insomma ġabu b'idejhom tempesta perfetta f'nofs is-sajf li minflok "A Midsummer Night's Dream" spiċċat f'"A Midsummer's Nightmare".

94. Il-problema prinċipali f'dan il-każ hi, li minħabba l-ksur tal-Liġi tal-appellanti qegħdin ibgħatu wliedhom intortament. Il-verita hi li kull persuna li tikser il-Liġi u li tittieħed azzjoni kriminali kontriha u li jkollha familja, tagħmel ħsara mhux biss lilha nnifisha, iżda wkoll lil dawk li huma l-aktar qrib tagħha – membri tal-familja tagħha l-ewwel u qabel kollox. Minkejja dan, din it-trawma u l-ħsara fuq il-membri tal-familja tagħhom xejn ma żżomm lil ħafna nies milli jikkommettu reati kriminali. Imbagħad meta jiġu b'daharhom mal-ħajt jinvokaw il-klemenza tal-Qrati, jekk mhux ukoll jużaw lil uliedhom jew lil familjari tagħhom bi skuża konvenjenti biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet tagħhom.

95. Mistqarr dan kollu pero, din il-Qorti ma tistax mill-banda l-oħra tagħlaq għajnejha għal żviluppi li saru, anke reċentement, f'dan il-kamp fl-isfera internazzjonali, u liema żviluppi saru kemm fil-kamp tad-Dritt Kostituzzjonali kif ukoll f'dak Penali b'mod ġenerali. Dawn l-iżviluppi ma humiex marbuta mal-fatt jekk il-ħatja jkunux irġiel jew nisa, immigranti illegali jew mhux. Huma prinċipji li japplikaw għal kulħadd, b'mod ġenerali u b'riferenza għal kwalunkwe sitwazzjoni t'interess kriminali li jista' jkollha effett fuq tfal dipendenti ta' persuni li jinstabu ħatja ta' reati kriminali u li jkunu qegħdin in proċint li jiġu suġġetti għal pieni ta' priġunerija.

96. Kif intqal, din il-Qorti sejra tiffoka prinċipalment fuq il-posizzjoni fl-Ingilterra u f'dawk il-pajjiżi li, bħal Malta, iddakkru mis-

sistema proċedurali penali Ingliż. L-**Equal Treatment Bench Book**, maħruġ mill-**Judicial College** tal-Ingilterra[5] jispikka l-prinċipju li :

> As is stated in the Introduction to this Bench Book, true equal treatment may not always mean treating everyone in the same way. Treating people fairly requires awareness and understanding of their different circumstances, so that that steps can be taken, where appropriate, to redress any inequality arising from difference or disadvantage. The previous life experiences of women offenders, their reasons for offending, their offending patterns, the impact of custodial sentences on themselves and their dependants, and the long-term effect of prison sentences all tend to differ between men and women.

97. Din jidher li hija wkoll l-idea ta' diversi akkademiċi u prattikanti qalb nisa li jkunu inkarċerati. Fil-kitba ta' Sheehan R, Mcivor and Trotter C, f'**What Works with Women Offenders**[6] jingħad li l-fatt li l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni l-konsegwenzi tal-priġunerija fuq in-nisa u wliedhom ma tkunx qegħda tieħu approċ diskriminatorju, iżda tkun qegħda tirrikonoxxi l-fatt li, bosta drabi, in-nisa jkunu l-**primary carers** ta' wliedhom, waqt li l-impatt tas-separazzjoni bejn l-omm u wild jaf ikun sever u dejjiemi.

98. Fil-fatt l-**Equal Treatment Bench Book** jgħallem li l-Qrati għandhom jikkunsidraw il-fattispecie tal-każ u jagħtu attenzjoni partikolari għal ħtiġijiet u sitwazzjonijiet differenti tal-ġudikabbli, inkluż il-ġeneru tiegħu u s-sitwazzjoni familjari tiegħu. Meta l-Qrati jiġu biex jimponu piena fuq il-ġudikabbli jistgħu ukoll jikkonsidraw imposizzjoni ta' pieni li jieħdu kont tas-sitwazzjoni familjari tal-ġudikabbli b'mod partikolari meta l-ġudikabbli jkollu tfal żgħar dipendenti fuqu. Fil-fatt dan il-manwal jgħallem ukoll li :

> 124. Community orders can fulfil the purposes of sentencing. In particular, they can have the effect of restricting the offender's liberty while providing punishment in the community, rehabilitation for the offender, and/or ensuring that the offender engages in reparative activities. Custody should not be imposed where a community order could provide sufficient restriction on an offender's liberty (by way of punishment) while addressing the rehabilitation of the offender to prevent future crime. The Sentencing Council's Definitive Guideline 2015 on Theft Offences (February 2016), for example, says that community orders with drug rehabilitation, alcohol treatment or mental health treatment requirements (as applicable) may be a proper alternative to a short or moderate custodial sentence where there is sufficient prospect of success and, in the case of mental health difficulties, detention under a hospital order is not warranted.

---

[5] February 2021 Edition. https://www.sentencingcouncil.org.uk/wp-content/uploads/Equal-Treatment-Bench-Book.pdf

[6] Willan Publishing, 2007

125. Research suggests that women released from prison are twice as likely to reoffend as a comparable cohort of women given community orders. Over 70% of women who have served a sentence of less than 12 months have reoffended. The National Offender Management Service (now HM Prison and Probation Service) says it supports the reduction of the number of women sentenced to custodial sentences in appropriate cases by developing robust community sentences tailored to the needs of the individual women.

126. Alternatively, if a prison sentence is necessary, strong personal mitigation or a realistic prospect of rehabilitation might suggest it is appropriate to suspend the sentence.

127. There is also power to defer passing sentence for up to 6 months under the Powers of the Criminal Courts (Sentencing) Act 2000, e.g. to allow an offender to undergo addiction or mental health treatment prior to sentencing.

128. In June 2018, the MOJ launched a 'Female Offender Strategy' – a wide-ranging scheme aimed at keeping women out of prison through early intervention, partnership working, rehabilitative support and fewer women serving short custodial sentences. HMPPS Wales and the Welsh Government are working jointly to consider both the devolved and the non-devolved landscape to deliver appropriate provision for Welsh women.

129. The strategy notes that custody is particularly damaging for women and that good community management can in many cases be far more effective. It expresses a view that short custodial sentences should be viewed as a last resort. Decisions on sentencing nevertheless remain the province of judges and magistrates.

Dependants and primary carers

130. The existence of dependent children is a factor relevant to sentencing. Sentencing guidelines say being a sole or primary carer for dependent relatives can be a mitigating factor. It is therefore important that courts are informed of the defendant's domestic circumstances and determine sentence following the steps in R v Rosie Lee Petherick. Indeed, where the offender is on the cusp of custody and there would be an impact on dependants which would make custody disproportionate, a community order should be imposed rather than a custodial sentence.

131. Sentencing defendants with dependent children or other relatives also engages their right to family life under article 8 of the European Convention on Human Rights, as well as the article 8 rights of those dependants. Imprisonment interferes with, often severely, those rights. In such cases, it is appropriate to ask whether the interference is proportionate giving the various factors including the purpose of sentencing.

132. It is not sufficient to say that the offender should have considered the impact on the children before committing the offence. The court has an independent responsibility to consider the dependants' rights.

.....

136. International standards for women offenders are set out in the 'United Nations Rules for the Treatment of Women Prisoners and Non-Custodial Measures for Women Offenders (the Bangkok Rules)', adopted in July 2010.

> Rule 64 states: 'Non-custodial sentences for pregnant women and women with dependent children shall be preferred where possible and appropriate, with custodial sentences being considered when the offence is serious or violent or the woman represents a continuing danger, and after taking into account the best interests of the child or children, while ensuring that appropriate provision has been made for the care of such children.'

99. Il-Bangkok Rules, f'Rule 1 jgħidu li :

In order for the principle of non-discrimination, embodied in Rule 6 of the Standard Minimum Rules for the Treatment of Prisoners to be put into practice, account shall be taken of the distinctive needs of women prisoners in the application of the Rules. Providing for such needs in order to accomplish substantial gender equality shall not be regarded as discriminatory.

100. Fil-**General Guideline: Overarching Principles**, maħruġa mis-Sentencing Council tal-Ingilterra,[7] il-proċess li l-Ġudikanti għandhom isegwu meta jiġu biex jiddeċiedu jekk għandhomx jimponu piena ta' priġunerija, jinkludi, fost l-oħrajn li

- **<u>For offenders on the cusp of custody, imprisonment should not be imposed where there would be an impact on dependants which would make a custodial sentence disproportionate to achieving the aims of sentencing.</u>**

101. Fil-fatt, il-ġurisprudenza Ingliża, kemm dik penali kif ukoll dik tad-drittijiet umani issegwi dan il-mod ta' ħsieb. Meta l-Qrati Ingliżi jiġu biex iqisu x'piena għandha tingħata lil persuna li tkun ħatja ta' reat kriminali suġġett għal piena ta' priġunerija, huma obbligati li, fost konsiderazzjonijiet oħra, jaraw jekk il-ġudikabbli jkunx ġenitur ta' tfal dipendenti u f'każ affermattiv jagħmlu eżerċizzju ta' bilanċjar bejn il-ħtieġa li jiġi repress u punit ir-reat kommess bi priġunerija mal-effetti li dik il-piena ta' priġunerija jkollha fuq id-dipendenti minuri tal-ġudikabbli. Naturalment dan ma jfissirx li l-Qrati Kriminali fl-

[7] https://www.sentencingcouncil.org.uk/overarching-guides/magistrates-court/item/general-guideline-overarching-principles/

Ingilterra ma jimponux piena ta' priġunerija kontra ġenituri ta' tfal dipendenti. Altru minn hekk. Tant li fl-Ingilterra hemm struttura regolata u organizzata ta' Mother and Baby Units, mgħammra b'persunal u loġistika adatta għal ommijiet u trabi sa tmintax il-xahar.

102. B'hekk meta għal reat partikolari tkun preskritta piena ta' priġunerija, il-Qorti m'għandhiex twarrab jew tiddeżisti milli timponi dik il-piena karċerarja fejn ikun meħtieġ. U, aktar ma r-reat ikun serju, aktar isir impellenti li tiġi komminata piena ta' priġunerija, inkluż dik effettiva. Iżda l-Qrati Ingliżi jimxu fuq il-prinċipju li jrid ikun hemm stħarriġ partikolari f'dawn il-każijiet jekk tiġi biex tkun imposta piena ta' priġunerija fuq ġenitur ta' tfal dipendenti in kwantu tali inkarċerazzjoni jkollha effetti inevitabbli fuq il-jeddijiet umani tal-ulied, b'mod partikolari dawk naxxenti mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

103. Fil-fatt fis-sentenza, **R vs. Joanne Mills**,[8] Lord Chief Justice Woolf stqarr hekk:

> ..with a mother who is the sole support of two young children...the judge has to bear in mind the consequences to those children if the sole carer is sent to prison.

104. Kif intqal il-Qrati Ingliżi jitrattaw dan il-punt kemm mill-aspett penali kif ukoll minn dak relattiv għad-drittijiet tal-bniedem. Hemm diversi sentenzi fl-Ingilterra bażati fuq l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li juru li l-Qrati għandhom jagħtu każ tas-sitwazzjoni tal-ulied u l-impatt li jkollhom l-ulied minuri fil-każ li l-ġenitur li minnu jiddependu jingħata piena karċerarja. Hekk per eżempju fil-kawża **R (on the application of Stokes) vs. Gwent Magistrates Court[9],** Stokes kienet omm t'erbat itfal ta' 16,15, 6 snin u disa xhur. Hi ġiet kundannata għal tnax il-jum priġunerija sospiżi u ħlas ta' ħames liri sterlini fil-ġimgħa għal multi u ordnijiet ta' ħlas. Il-każ spiċċa quddiem il-High Court fejn din iddeċidiet li Qorti li tikkunsidra timponi piena karċerarja li minħabba fiha :

> would separate completely a mother from her young children with unknown consequences of the effect of that order on those children, had to take into account the need for proportionality and ask itself whether the proposed interference with the children's right to respect for their family life was proportionate to the need which made it legitimate. Committal to prison must be a remedy of final resort if all else has failed.

---

[8] [2002] EWCA Crim 26.
[9] [2001] All ER (D) 125 (Jul).

105. Każ ieħor konsiderat bħala **an article 8 case** huwa **R (on the application of P and Q) vs. Secretary of State for the Home Department**[10] fejn ir-regola tal-Ħabs li t-trabi li jkunu flimkien mal-omm fil-Ħabs fil-Mother and Baby Unit riedu jitilqu dak il-Unit meta jagħlqu tmintax il-xahar ġiet kontestata minn żewġ ommijiet, riferiti bħala P u Q minħabba l-inflessibilita tal-applikazzjoni ta' din ir-regola. Lord Phillips stqarr li meta Qorti tiġi biex tissentenzja omm li jkollha tfal dipendenti fuqha, il-Qorti trid tiżhen id-drittijiet tat-tfal fid-dawl tas-serjeta tar-reat b'mod li tagħmel eżerċizzju ta' bilanċjar bejn dawn iż-żewġ fatturi:

> Illumination of the task confronted by a court in a case concerned with a prospective violation of a child's Article 8 rights has recently been provided by Hale L J in the quite different context of interim care orders ... After saying ... that respect for family life was fundamental to the philosophy underpinning the ECHR, and describing the different levels of interference with the right to respect for family life inherent in the different types of order a court might make, she said:
>
> "Such an interference can only be justified under Article 8.2 if three conditions are fulfilled:
>
> i) It must be 'in accordance with the law'...
> ii) It must be in pursuit of one of the legitimate aims provided for in the Article ...
> iii) It must be 'necessary in a democratic society': that is to say, the reasons given for the interference must be 'relevant and sufficient'... It must correspond to a 'pressing social need' and be 'proportionate' to the legitimate aim pursued ... "

106. Fil-każ **R vs. McClue**[11] l-appellanti, li kienet ikkommettiet frodi, kellha tifla ta' seba' snin li kienet ġiet abbandunata minn missierha u li kienet emottivament vulnerabbli. Oħt l-appellanti kienet tbagħti minn skizofrenija u l-appellanti kienet iddur bit-tifla t'oħtha li kellha erba' snin sa minn meta twieldet. Il-Qorti tal-Appell ħadet in konsiderazzjoni dawn il-fatturi u stqarret is-segwenti :

> The effect on these two children of the loss of the appellant and the fear of separation has been devastating for them. ... We have been moved by the mitigation factors ... and in particular the disastrous consequences for the appellant's child and her sister's child.

Konsegwenza t'hekk il-Qorti tal-Appell irriduċiet il-piena minn tmintax il-xahar priġunerija għal tminn xhur priġunerija.

---

[10] [2001] EWCA Civ 1151.
[11] [2010] EWCA Crim 311.

107. Iżda l-aktar każ importanti, almenu s'issa, li stabbilixxa standards f'dan il-qasam fl-Ingilterra u Wales hija s-sentenza **R vs. Rosie Lee Petherick**[12]**,** fejn il-prinċipji f' **R (on the application of Stokes) vs. Gwent Magistrates Court** u f'**R (on the application of P and Q) vs. Secretary of State for the Home Department** ġew ribaditi u msaħħa**.**

108. Petherick, li kellha 22 sena, appellat minn sentenza ta' erba' snin u disa xhur priġunerija li kienet imposta fuqha in konsegwenza għal sejbien ta' ħtija tal-omiċidju involontarju ta' persuna waqt li kienet qegħda ssuq taħt l-influwenza tax-xorb. Hija kienet single mother ta' tifel li kellu sittax il-xahar. Hija kienet irreġistrat ammissjoni u peress li kellha l-fedina penali nadifa, il-Qorti naqsitilha s-sentenza b'terz minħabba li ammettiet mal-ewwel opportunita, kif ukoll naqsitilha disa' xhur priġunerija oħra minħabba r-raġunijiet personali eżistenti f'dan il-każ, li fosthom kienu jinkludu l-fatt li din is-sentenza ta' priġunerija kien ser ikollha effett inevitabbli fuq binha minuri. B'hekk ikkundannatha għall-piena ta' erba' snin u disa' xhur priġunerija. Fl-appell din is-sentenza ġiet imnaqsa għal tliet snin u għaxar xhur priġunerija. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell stqarret li din ir-riduzzjoni ulterjuri kienet qegħda ssir biss u speċifikament minħabba li l-piena aħħarija kellha tirrifletti kemm l-elementi personali mitiganti tal-ġudikabbli analizzata fid-dawl tal-effetti ta' dik is-sentenza ta' priġunerija fuq it-tifel minuri. Is-siltiet l-aktar rilevanti minn din is-sentenza huma s-segwenti :

> '17. …First, the sentencing of a defendant inevitably engages not only her own article 8 family life but also that of her family and that includes (but is not limited to) any dependent child or children. The same will apply in some cases to an adult for whom a male or female defendant is a carer and whether there is a marital or parental link or not. Almost by definition, imprisonment interferes with, and often severely, the family life not only of the defendant but of those with whom the defendant normally lives and often with others as well. Even without the potentially heart-rending effects on children or other dependents, a family is likely to be deprived of its breadwinner, the family home not infrequently has to go, schools may have to be changed. Lives may be turned upside down by crime.
>
> 18. Second, the right approach in all article 8 cases is to ask these questions: A. Is there an interference with family life? B. Is it in accordance with law and in pursuit of a legitimate aim within article 8.2? C. Is the interference proportionate given the balance between the various factors? That is carefully set out by Lady Hale in her speech in HH. Although she was in the minority as to the outcome in relation to one of the persons sought for extradition, she gave at paragraph [30] this analysis with which

[12] [2012] EWCA Crim 2214.

there was general agreement. That approach is as true of sentencing as of any other kind of case in which family life is in question. Of course in sentencing, the first two questions will usually be straightforward. There will almost always be some interference with family life and it will be in accordance with law and due to legitimate aims. It is the third question which may call for careful judgment.

19. Third, long before any question of article 8 or of the Human Rights Act 1998 was thought of, sentencing practice in England and Wales recognised that where there are dependent children that is a relevant factor to sentencing. That is most conveniently to be extracted from the careful words of Lord Judge, CJ, in HH at paragraphs 126 to 130, to which reference should be made if this point is taken. In particular, at paragraphs 128 and 129 he said:

> "128. The continuing responsibility of the sentencing court to consider the interests of children of a criminal defendant was endorsed time without number over the following years. Examples include Franklyn (1981) 3 Cr App R(S) 65 Vaughan (1982) 4 Cr App R(S) 83, Mills [2002] 2 Cr App R (S) 229, and more recently Bishop [2011] EWCA Crim 1446 and, perhaps most recently in Kayani; Solliman [2011] EWCA Crim 2871, [2012] 1 Cr App R 197 where, in the context of child abduction, the court identified '… a distinct consideration to which full weight must be given. It has long been recognised that the plight of children, particularly very young children, and the impact on them if the person best able to care for them (and in particular if that person is the only person able to do so) is a major feature for consideration in any sentencing decision.'
>
> 129. Recent definitive guidelines issued by the Sentencing Council in accordance with the Coroners and Justice Act 2009 are entirely consistent. Thus, in the Assault Guideline, taking effect on 13 June 2011, and again in the Drug Offences Guideline, taking effect on 29 February 2012, among other features the defendant's responsibility as the sole or primary carer for a dependant or dependants is expressly included as potential mitigation."

20. Fourth, it follows that a criminal court ought to be informed about the domestic circumstances of the defendant and where the family life of others, especially children, will be affected it will take it into consideration. It will ask whether the sentence contemplated is or is not a proportionate way of balancing such effect with the legitimate aims that sentencing must serve.'

21. Fifth, in a criminal sentencing exercise the legitimate aims of sentencing which have to be balanced against the effect of a sentence often inevitably has on the family life of others, include the need of society to punish serious crime, the interest of victims that punishment should constitute just desserts, the needs of society for appropriate deterrence (see section 142 Criminal Justice Act 2003) and the requirement that there ought not to be unjustified disparity between different defendants convicted of similar crimes. Moreover, as Sachs J pointed out in the South African

Constitutional Court in N v The State [2007] ZACC 18, in a case in which there was under consideration a specific provision in the Constitution which required the interests of an affected child to be “the paramount consideration”, not only society but also children have a direct interest in society’s climate being one of moral accountability for wrongdoing. It also needs to be remembered that just as a sentence may affect the family life of the defendant and of his/her innocent family, so the crime will very often have involved the infringement of other people’s family life. There is a good example afforded by the striking facts of the second defendant Solliman in Kayani and Solliman [2011] EWCA Crim. 2871 at paragraph 54. He, by his crime of abduction of children, had utterly destroyed the abducted children’s relationship with their mother and his well deserved imprisonment was now to punish them again by depriving them of his own care as their otherwise unexceptional remaining parent. This present case is also one in which article 8 rights are affected not only in the defendant and her child but in the deceased and his family.

22. Sixth, it will be especially where the case stands on the cusp of custody that the balance is likely to be a fine one. In that kind of case the interference with the family life of one or more entirely innocent children can sometimes tip the scales and means that a custodial sentence otherwise proportionate may become disproportionate.

23. Seventh, the likelihood, however, of the interference with family life which is inherent in a sentence of imprisonment being disproportionate is inevitably progressively reduced as the offence is the graver and M v South Africa is again a good example. Even with the express Constitutional provision there mentioned, the South African Constitutional Court approved the result in which in one of the cases a sentence of four years was necessary upon a fraudulent mother, despite the fact that she was the sole carer for a number of children who were likely to have to be taken into care during her imprisonment see paragraphs 43 to 44. Likewise, in HH, the majority of the Supreme Court was satisfied that there was no basis on which the extradition to Italy could be prevented of a father who was in effect the sole carer for three young children, but who had been a party to professional cross border drug smuggling. His extradition of course meant not only his imprisonment, but his imprisonment too far away from the children's home for there to be more than the most rare of contact.

24. Eighth, in a case where custody cannot proportionately be avoided, the effect on children or other family members might (our emphasis) afford grounds for mitigating the length of sentence, but it may not do so. If it does, it is quite clear that there can be no standard or normative adjustment or conventional reduction by way of percentage or otherwise. It is a factor which is infinitely variable in nature and must be trusted to the judgment of experienced judges.

109. Iġifieri kontra dak li argumentat l-Avukat Ġenerali f’dan il-każ, fis-sistema proċedurali kriminali ingliż il-fattur li l-ġudikabbli huwa ġenitur ta’ tfal dipendenti huwa fattur li jrid jittieħed in konsiderazzjoni meta Qorti ta’ Ġustizzja Kriminali tiġi biex teroga l-

piena fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. U kif imsemmi fis-Sentencing Guidelines tal-Ingilterra:

> Passing the custody threshold does not mean that a custodial sentence should be deemed inevitable. Custody should not be imposed where a community order could provide sufficient restriction on an offender's liberty (by way of punishment) while addressing the rehabilitation of the offender to prevent future crime.[13]

110. Din il-posizzjoni li tieħu in konsiderazzjoni l-fatt jekk persuna ġudikabbli tkunx ġenitur ta' tfal dipendenti mhix ristretta biss għall-Ingilterra. Fil-fatt anke fis-sistema Irlandiż prinċipji simili huwa applikati mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali f'dik il-ġurisdizzjoni. Per eżempju, fil-kawża **DPP vs. Vakjtang Jokhadze u Sophia Grdzelishili,** deċiża mill-Imħallef Martin Nolan presejdenti l-Dublin Central Criminal Court fis-17 ta' Ġunju 2021, irriżulta li din il-koppja kienet tieħu sehem fi traffikar ta' persuni billi kienu jipproduċu dokumenti foloz lil persuni oħra biex ikunu jistgħu jsiefru lejn l-Irlanda. Wara li ġew misjuba ħatja, **Vakjtang Jokhadze** ġie kundannat għal piena ta' erba' snin priġunerija għar-reat ta' traffikar t'immigranti illegali u ħasil ta' flus filwaqt li **Sophia Grdzelishili** ġiet mogħtija sentenza ta' priġunerija sospiża għar-reat ta' traffikar t'immigranti illegali u pussess ta' dokumenti foloz. L-Imħallef Nolan għamilha ċara lil **Sophia Grdzelishili** li hija kienet tintbagħat il-ħabs mhux għax kienet il-**primary carer** ta' binha teenager. L-Imħallef Nolan ikkonsidra r-reati kommessi minn dawn iż-żewġt ħatja bħala li kienu ta' serjeta kbira u li minn dawn ir-reati daħlu ħafna flus. Huma kellhom jiġu distinti mill-persuni li mingħandhom ottjenew id-dokumenti foloz in kwantu dawn tal-aħħar kienu prinċipalment persuni mill-Georgia li riedu jfitxu ħajja u futur aħjar fl-Irlanda. Ta' min jgħid li din il-koppja kienu dawk li jipprovdu d-dokumenti foloz lil persuni li jkunu jridu jidħlu fl-Irlanda illegalment – iġifieri kienu dawk li japprofittaw ruħhom u jagħmlu l-gwadann illegali minn din l-attivita ta' traffikar ta' immigranti illegali. Anke fir-rigward ta' dawn in-nies sabet applikazzjoni ir-regola imsemmija aktar il-fuq.

111. Prinċipji simili huma riflessi wkoll fil-ġurisdizzjoni tas-South Africa, fejn, fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' dan il-pajjiż fl-ismijiet **S vs. M.**[14]

---

[13] https://www.sentencingcouncil.org.uk/overarching-guides/magistrates-court/item/general-guideline-overarching-principles/
[14] 2008 (3) SA 232 (CC).

After the conviction of a single mother of three children on multiple charges of fraud, for which she received a sentence of up to four years of imprisonment before release on correctional supervision, Judge Albie Sachs overruled the judgement on the grounds that insufficient consideration had been given to her role as primary caregiver. Invoking the principle of the best interests of the child, the court established the importance of centring the rights of children—in and of themselves and regardless of their parents' actions—as opposed to considering children as third-party interests or 'personal circumstances of the criminal' in court proceedings. South African law operates on precedent set in the case S v Zinn (1969), which advanced a sentencing formula based on a 'triad consisting of the crime, the offender and the interests of society', what can be understood as a logical extension of the widely accepted four purposes of criminal law: retribution, incapacitation, deterrence and rehabilitation.

Following this template for sentencing procedure, the defendant, M, was convicted at the Regional Court and sentenced upon appeal by the High Court, which led to her imprisonment for a period of eight months before her appeal was received by the Constitutional Court. According to the amicus curiae appointed to the case by the Constitutional Court, both Regional and High Courts paid 'scant attention' to the fact of the defendant's position as primary caregiver of multiple young children. The Constitutional Court's consideration of the effect of imprisonment on a defendant's children represented a landmark shift towards an inclusion of children's rights language in South Africa's triadic sentencing formula, namely the principle of the best interests of the child, which informed the court's ruling in S v M. The principle of the best interests of the child—what the UNCRC calls a 'rule of procedure', both a legal principle and a fundamental, 'self-executing right [that] may be invoked before a court'—is not a formal document but a broadly accepted and widely debated legal standard.

Enshrined as a right in Article 3.1 of the UNCRC (1989), this principle states: In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, the best interests of the child shall be a primary consideration. One of the defining features of the principle of the best interests of the child—and the aspect that can make its application in courts such a conundrum—is its dual nature as simultaneously indeterminate (the best interests of every child are subjective) and non-discretionary (as set out in the UNCRC, 'the best interests of the child shall be a primary consideration'). Thus, while the application of the best interests principle is and must be subjective to the situation of each child, this indeterminacy contributes to the fact that children's best interests may be manipulated or altogether ignored. Despite this complexity, the principle can play a direct role in the development of legal codes that inform sentencing decisions, specifically what the Council of Europe has called the 'deontological, ethical and procedural rules' related to the best interests of the child.[15]

[15] https://childrenofprisoners.eu/wp-content/uploads/2020/06/sentencing-toolkit_2019.pdf

112. Fil-fatt il-konsiderazzjonijiet tal-Imħallef Sachs kienu dawn :

> ‘The purpose of emphasising the duty of the sentencing court to acknowledge the interests of the children […] is not to permit errant parents unreasonably to avoid appropriate punishment. Rather, it is to protect the innocent children as much as is reasonably possible in the circumstances from avoidable harm.

113. Inoltre, riflessjonijiet simili dwar l-importanza tar-rwol tal-primary carer, joħorġu mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem **Alexandru Enache v. Romania**. F’dan il-każ seħħ hekk :

> Applicant, who had been sentenced to seven years’ imprisonment, wanted to look after his child, who was only a few months old. However, his applications to defer his sentence were dismissed by the courts on the grounds that such a measure, which was available to convicted mothers up to their child’s first birthday, was to be interpreted strictly and that the applicant, as a man, could not request its application by analogy. The Court found that the applicant could claim to be in a similar situation to that of a female prisoner (§§ 68-69). However, referring to international law, it observed that motherhood enjoyed special protection, and held that the authorities had not breached Article 14 in conjunction with Article 8 (§ 77).

**Ikkunsidrat**

114. Dawn il-każijiet ta’ ġurisdizzjonijiet esteri, kemm ta’ ġurisdizzjoni kriminali kif ukoll ta’ ġurisdizzjoni kostituzzjonali, juru biċ-ċar li l-Qrati ta’ Ġustizzja Kriminali, għalkemm ma humiex preklużi milli jimponu piena karċerarja anke lil ommijiet jew missirijiet li jkollhom tfal dipendenti fuqhom, mill-banda l-oħra għandhom iwieżnu sew id-deċiżjoni tagħhom qabel ma jimponu pieni karċerarji fuqhom. Ma jfissirx li dawn il-persuni ma jingħatawx pieni karċerarji effettivi. Iżda meta jingħataw dawn il-pieni, dawn il-ġurisdizzjonijiet jaraw ukoll li l-ġenituri ta’ tfal żgħar inkarċerati jkollhom ukoll l-opportunita li jżommuhom magħhom f’Mother and Baby Units mgħammra apposta u li tkun taħdem f’qafas regolatorju speċifiku. Ma jirriżultax li f’Malta jeżisti dan il-qafas.

115. Din il-Qorti ma tarax raġuni għaliex ma għandhiex tadatta u taġġorna wkoll ruħha ma dawn il-prinċipji legali li ġew imħadnin fl-Ingilterra, fl-Irlanda, s-Sud Afrika u pajjiżi oħra madwar id-dinja ukoll fuq impetu tal-Ġnus Magħquda u l-Kunsill tal-Ewropa u li jieħdu kont u qies tas-sitwazzjoni partikolari ta’ ġudikabbli li jkunu wkoll ġenituri ta’ tfal dipendenti. Naturalment, fil-kuntest soċjali Malti, fejn, għal

grazzja t'Alla, il-kuntest familarji għad għandu importanza kbira għal maġġoranza assoluta tal-persuni li jgħixu fiha, xi ftit jew wisq, dejjem ikun hemm xi ħadd mill-ġenituri jew xi qarib, nanna, żiju, kuġin eċċetra li jkun jista' jieħu ħsieb li b'xi mod jindokra l-ulied minuri fil-każ li xi ġenitur jispiċċa li jeħel sentenza ta' priġunerija effettiva. B'hekk l-impatt ta' dan il-prinċipju fuq il-kuntest familjari ċkejken Malti jrid ukoll jittieħed fil-kuntest relattiv ta' din ir-realta speċifika Maltija. Iżda dan il-kuntest soċjali ma jeskludix analiżi ta' dak il-fattur meta Qorti tiġi biex teroga piena skont prinċipji simili għal dawk elaborati **f'Petherick**.

116. Mill-banda l-oħra, meta trattasi ta' sitwazzjonijiet partikolari immens bħal dawk li sabu ruħhom fiha ulied l-appellanti, grazzi għall-illegalita kommessa mill-appellanti, u li allura dawn it-tfal minorenni ta' erba' u kważi tliet snin, f'art barranija u differenti minn dik li trabbew fiha s'issa, mingħajr għarfien ta' lsien l-art li laqgħathom fiha, mingħajr missier, mingħajr xi qarib, nanna, ziju jew kuġin, u issa wkoll mingħajr omm, hija konsiderazzjoni li din il-Qorti tħoss li għandha tqis meta tiġi biex tanalizza s-sentenza emanata fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi legali relattivament riċenti li saru u qegħdin isiru madwar diversi sistemi legali fid-dinja, kif imsemmi aktar il-fuq.

117. Għalhekk din il-Qorti jidrhilha li, fiċ-ċirkostanzi partikolari ħafna ta' dan il-każ, għalkemm il-piena ta' priġunerija xorta tibqa' dik indikata, mill-banda l-oħra, meqjusa dawn il-prinċipji legali imsemmija aktar il-fuq, din is-sentenza ta' priġunerija għandha tiġi mibdula f'waħda sospiża. Del resto, kif jgħallem ben tajjeb il-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano fis-sentenza tiegħu **Abekunle** aktar il-fuq ċitata, hija r-regola li dawn il-każijiet jiġu puniti b'piena ta' priġunerija effettiva. Iżda ladarba dik hija r-regola, jista' jkun hemm ċirkostanzi, eċċezzjonali, fejn tiġi applikata eċċezzjoni għal dik ir-regola. Dan huwa każ fejn, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-applikazzjoni ta' dik l-eċċezzjoni għandha ssir.

118. L-Avukat Ġenerali sostna li jekk din is-sentenza tiġi mibdula f'waħda sospiża, dan sejjer iwassal messaġġ lil dawk l-immigranti li jridu jidħlu Malta b'mod illegali li jekk ikollhom it-tfal magħhom huma jistgħu jevitaw sentenza ta' ħabs effettiv minħabba l-fatt li jkollhom lit-tfal magħhom. Għal darb'oħra din il-Qorti terġa ttenni li ma tistax tiġġeneralizza. Kull każ irid jiġi mistħarreġ skont il-fattispecie tiegħu. Mhux kull każ jista' jkun meritevoli ta' din il-miżura. Mhux kull min jivjaġġa illegalment bit-tfal jinsab fl-istess sitwazzjoni attwali tal-

appellanti u t-tfal tagħhom. Barra minn hekk jiddependu wkoll diversi fatturi oħra, li jkunu jinkludu, l-etajiet tat-tfal, ma min mill-ġenituri tagħhom ikunu qegħdin jivjaġġjaw, jekk ikollhomx qraba jew ħbieb residenti lokalment, jekk it-tfal ikunx ta' eta sufficjenti li jifhmu, jekk ikunx kapaċi jitkelmu b'xi ilsien mitkellem regolarment f'dawn il-Gżejjer, u diversi kriterji oħra li jkunu jridu jiġu analizzati każ b'każ.

119. Minbarra dan, l-Istat jista' wkoll jattrezza ruħu bi strutturi legali ċari u loġistiċi ta' Mother and Baby Unit aħjar u li jkun aktar simili għal dawk li jeżistu barra minn Malta fosthom fl-Ingilterra, fl-Italja u pajjiżi oħra fejn fil-każ fejn ikun strettament meħtieġ li ġenitur ta' wlied dipendenti jiġi inkarċerat għal perjodu ta' żmien, ikun possibbli għalih li jkollu lit-tarbija miegħu; jew li jkun hemm strutturi alternattivi għal inkarċerazzjoni iżda li jkunu jistgħu jinkludu miżuri restrittivi tal-liberta f'postijiet li jkunu alternattivi għall-Faċilita Korrettiva ta' Kordin – u li f'kull każ dawn it-tfal dipendenti jkunu indukrati minn professjonisti apposta li jkunu jistgħu jagħtuhom dak is-support meħtieġ biex jegħlbu t-trawma li ġġib magħha r-restrizzjoni tal-liberta fuq il-ġenitur misjub ħati.

# Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi dil-Qorti tilqa' l-appell ta' **Rabia YAVUZ** u **Muzekka DENERI** u filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellanti ħatja fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tagħhom stess tar-reati kontestati lilhom u filwaqt li tikkonferma wkoll il-piena inflitta ta' sitt xhur priġunerija tvarja s-sentenza appellata biss billi ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ta' sitt xhur priġunerija ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk fi żmien sentejn millum, il-ħatja **Rabia YAVUZ** u **Muzekka DENERI** jikkommettu reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Il-Qorti qiegħda wkoll tagħti spjegazzjoni tal-import ta' din is-sentenza u qed tispjega lil ħatja **Rabia YAVUZ** u **Muzekka DENERI** bi kliem ċar ir-responsabbilita' tagħhom taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huma jikkommettu matul il-perjodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Altrimenti l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**